Nru./No. 19,462
Prezz/Price
€4.68

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 11 ta' Awwissu, 2015
Tuesday, 11th August, 2015

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 12,405 - 12,408
Government Notices ..... *12,405 - 12,408*

Avviżi tal-Pulizija ..... 12,408 - 12,411
Police Notices ..... *12,408 - 12,411*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 12,411 - 12,434
Employment Opportunities ..... *12,411 - 12,434*

Avviżi tal-Gvern ..... 12,434 - 12,458
Notices ..... *12,434 - 12,458*

Offerti ..... 12,458 - 12,490
Tenders ..... *12,458 - 12,490*

Avviżi tal-Qorti ..... 12,490 - 12,504
Court Notices ..... *12,490 - 12,504*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 771

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 19,460 tal-4 ta' Awwissu, 2015 u Nru. 19,461 tas-7 ta' Awwissu, 2015.

A.L. 241 tal-2015: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123); Regoli tal-2015 li jemendaw ir-Regoli dwar Skema Personali tal-Irtirar (Emenda Nru. 2).

A.L. 242 tal-2015: Att dwar Sigurtà fl-Ikel (Kap. 449); Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Għasel.

A.L. 243 tal-2015: Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati) (Kap. 161); Direttiva mill-Ministru għal Finanzi, għall-ħruġ ta' €2,007,900 *Stock* tal-Gvern ta' Malta bis-7%, 2025 (I).

A.L. 244 tal-2015: Att tal-2015 li jemenda Diversi Liġijiet dwar is-Suċċessjoni (Att XVI tal-2015); Avviż ta' dħul fis-seħħ.

A.L. 245 tal-2015: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2015 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2006 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Commerce - B. Com. - u Bachelor of Commerce (Honours) - B. Com. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy.

A.L. 246 tal-201: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2015 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) (Applied Food and Nutritional Sciences) taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa.

A.L. 247 tal-2015: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2015 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2012 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa.

A.L. 248 tal-2015: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2015 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Facilitating Inclusive Education taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni.

GOVERNMENT NOTICES

No. 771

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 19,460 of 4th August, 2015 and No. 19,461 of 7th August, 2015.

L.N. 241 of 2015: Income Tax Act (Cap. 123); Personal Retirement Scheme (Amendment No. 2) Rules, 2015.

L.N. 242 of 2015: Food Safety Act (Cap. 449); Honey (Amendment) Regulations, 2015.

L.N. 243 of 2015: Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance (Cap. 161); Directive by the Minister for Finance, for the issue of €2,007,900 7% Malta Government Stock 2025 (I).

L.N. 244 of 2015: Various Laws (Succession) (Amendment) Act, 2015 (Act XVI of 2015); Commencement Notice.

L.N. 245 of 2015: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2015 to amend the Bye-Laws of 2006 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2004 for the Degrees of Bachelor of Commerce - B.Com. - and Bachelor of Commerce (Honours) - B.Com. (Hons) - under the auspices of the Faculty of Economics, Management and Accountancy.

L.N. 246 of 2015: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2015 for the Selection of Applicants for Admission to the Bachelor of Science (Honours) (Applied Food and Nutritional Sciences) Degree Course under the auspices of the Faculty of Health Sciences

L.N. 247 of 2015: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2015 to amend the Bye-Laws of 2012 for the Selection of Applicants for Admission to the Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) Degree Course under the auspices of the Faculty of Health Sciences.

L.N. 248 of 2015: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2015 to amend the Bye-Laws of 2005 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2004 for the Diploma in Facilitating Inclusive Education under the auspices of the Faculty of Education.

A.L. 249 tal-2015: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti tal-2015 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-2014 tal-Kors għas-Certificate in Foundation Studies.

L.N. 249 of 2015: Education Act (Cap. 327); Certificate in Foundation Studies Course (Amendment) Regulations, 2015.

A.L. 250 tal-2015: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti tal-2015 tal-Kors għall-Grad ta' Master in Education Policies for Global Development taħt il-patroċinju taċ-Ċentru Ewro-Mediterranju għar-Riċerka fl-Edukazzjoni.

L.N. 250 of 2015: Education Act (Cap. 327); Master in Education Policies for Global Development Degree Course Regulations, 2015 under the auspices of the Euro-Mediterranean Centre for Educational Research.

A.L. 251 tal-2015: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti tal-2015 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-2014 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Master of Dental Surgery - M.D.S.

L.N. 251 of 2015: Education Act (Cap. 327); Regulations of 2015 to amend the Regulations of 2014 for the Selection of Applicants for Admission to the Master of Dental Surgery - M.D.S. - Degree Course.

A.L. 252 tal-2015: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2015 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Astroinformatics - M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Istitut għax-Xjenzi Spazjali u l-Astronomija.

L.N. 252 of 2015: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2015 to amend the Bye-Laws of 2014 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008 for the Degree of Master of Science in Astroinformatics - M.Sc. - under the auspices of the Institute of Space Sciences and Astronomy.

A.L. 253 tal-2015: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2008 għall-Postgraduate Certificate in Evidence-Based Management and Effective Decision Making - P.G.Cert. E.B.M. (Melit.) taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy.

L.N. 253 of 2015: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2015 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008 for the Postgraduate Certificate in Evidence-Based Management and Effective Decision Making - P.G.Cert. E.B.M. (Melit.) under the auspices of the Faculty of Economics, Management and Accountancy.

A.L. 254 tal-2015: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti tal-2015 biex jemendew ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L.N. 254 of 2015: Education Act (Cap. 327); University Postgraduate Awards (Amendment) Regulations, 2015.

A.L. 255 tal-2015: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti tal-2015 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Valutazzjoni tal-Università.

L.N. 255 of 2015: Education Act (Cap. 327); University Assessment (Amendment) Regulations, 2015.

A.L. 256 tal-2015: Att dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali (Kap. 365); Regolamenti tal-2015 dwar l-Infurzar ta' Sanzjonijiet tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea.

L.N. 256 of 2015: National Interest (Enabling Powers) Act (Cap. 365); Enforcement of European Union Sanctions (Democratic People's Republic of Korea) Regulations, 2015.

Il-11 ta' Awwissu, 2015

11th August, 2015

Nru. 772

No. 772

ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP (KAP. 504)

ENVIRONMENT AND DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 504)

SKOND l-Artikolu 53 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, (Kap. 504), il-Prim Ministru b'din jgħarraf illi l-Pjan Strateġiku dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp kif approvat mill-Parlament fis-seduta numru 287 tat-8 ta' Lulju, 2015 permezz tal-mozzjoni numru 227A, jibda jseħħ mil-lum, 10 ta' Awwissu, 2015.

IN accordance with Article 53 of the Environment and Development Planning Act, (Cap.504), the Prime Minister hereby declares that the approval of the Strategic Plan for Environment and Development (SPED) as resolved by Parliament in sitting No. 287 of 8th July, 2015 by means of resolution 227A, comes into force today, 10th August, 2015.

Il-11 ta' Awwissu, 2015

11th August, 2015

Nru. 773

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (KUNTRATTI)

IS-SEGRETARJU Permanenti, fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi, approva l-ħatra temporanja li ġejja:

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATI *DATES*
Ms Jacqueline Gili	Direttur Ġenerali *Director General*	Dipartiment tal-Kuntratti *Department of Contracts*	12-25.08.2015

Is-7 ta' Awwissu, 2015

No. 773

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CONTRACTS)

THE Permanent Secretary, within the Ministry for Finance, has approved the following acting appointment:

7th August, 2015

Nru. 774

ĦATRA TA' AĠENT *ACCOUNTANT GENERAL*

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Finanzi approva l-ħatra temporanja li ġejja:

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Michael Zammit Munro	*Accountant General* *Accountant General*	Teżor *Treasury*	6-17.8.15

Il-11 ta' Awwissu, 2015

No. 774

APPOINTMENT OF ACTING ACCOUNTANT GENERAL

THE Permanent Secretary in the Ministry for Finance has approved the following acting appointment:

11th August, 2015

Nru. 775

***WARRANT* MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA, KULTURA U GVERN LOKALI**

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (3) tal-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali ħatar bħala Kummissjunarji bis-setgħa li jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, u jew għall-perjodu indikat fl-istess ħatra, liema minnhom tiġi l-ewwel, lill-imsemmi hawn taħt:

Ministeru għall-Affarijiet Barranin
Is-Sa Joanna Pisani
Is-Sur Gabriel Camenzuli
Is-Sur Ivan Vassallo

B'Awtorità
Owen Bonnici
Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali

Is-6 ta' Awwissu, 2015
(OPM/144/2014/II)

No. 775

WARRANT BY THE MINISTER FOR JUSTICE, CULTURE AND LOCAL GOVERNMENT

IT is notified that in exercise of such powers as provided by Article (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice, Culture and Local Government appointed as Commissioners for Oaths, whilst performing such functions and as long as they continue in that capacity, and/or for the period indicated in the same appointment, whichever is the earlier, the undermentioned:

Ministry for Foreign Affairs
Ms Joanna Pisani
Mr Gabriel Camenzuli
Mr Ivan Vassallo

By Authority
Owen Bonnici
Minister for Justice, Culture and Local Government

6th August, 2015

Nru. 776

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U L-ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, il-Qorti tar-Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dr Patrick Critien bħala Nutar delegat u konservatur fl-atti tan-Nutar Dr Sean Critien, u dan għall-perjodu bejn it-30 ta' Lulju, 2015 u it-18 ta' Awwissu, 2015.

Illum, l-4 ta' Awwissu, 2015

JANET CALLEJA
Għar-Reġistratur Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 776

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Article 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Patrick Critien to be Notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Sean Critien, for the period between the 30th July, 2015 and the 18th August, 2015.

Today, 4th August, 2015

JANET CALLEJA
For the Registrar Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 777

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
11.8.15	€32.370	€0.465

Il-11 ta' Awwissu, 2015

No. 777

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

11th August, 2015

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 120

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97, it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu klassifikati bħala *Tow Zones*, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

POLICE NOTICE

No. 120

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the date and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Paola

Nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Awwissu, 2015, bejn it-8.00 p.m. u l-11.00 p.m. minn Telgħet Paola, Triq Cameron, Triq Windsor, Triq Dgħajjes, Triq Pawlu Boffa, Triq Il-Belt Valletta, Triq Perit Tortell, Triq Clarence and Triq il-Knisja.

Nhar is-Sibt, 22 ta' Awwissu, 2015, bejn is-7.00 p.m. u nofsillejl minn Triq Brittania u Triq Il-Belt Valletta.

Nhar il-Ħadd, 23 ta' Awwissu, 2015, bejn l-10.00 a.m. u t-3.00 p.m. minn Triq il-Ġdida, Triq il-Foss, Triq l-Arkati, Triq Ninu Cremona, Triq Sultana, Telgħet Paola, Triq Inverness, Triq Windsor, Triq Perit Tortell, Triq Athlone, Triq l-Ibjar u Triq Cameron.

Nhar il-Ħadd, 23 ta' Awwissu, 2015 bejn is-1.00 p.m. u l-11.30 p.m. minn Triq Brittania, Triq Windsor, Triq Cameron, Telgħet Paola, Triq il-Ġdida, Triq il-Foss, Triq l-Arkata, Triq Ninu Cremona, Triq Il-Belt Valletta u Triq Tortell.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Il-11 ta' Awwissu, 2015

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 121

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu klassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-data u l-ħinijiet indikati hawn taħt.

Bis-saħħa tal-artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Ħal Għargħur

Nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Awwissu, 2015 u s-Sibt, 29 ta' Awwissu, 2015 mill-5.00 p.m. sa nofsillejl minn Triq l-Oratorju, Triq San Bartilmew u Misraħ il-Knisja

Nhar Il-Ħadd, 30 ta' Awwissu, 2015 minn Triq l-Oratorju, Triq San Bartilmew u Misraħ il-Knisja

Nhar Il-Ħadd, 30 ta' Awwissu, 2015 mit-3.00 p.m. sa nofsillejl minn Triq Emanuel Perren, Vjal ir-Repubblika, Triq Stiefnu Zerafa u Triq San Ġwann, Triq in-Naxxar u Triq Santa Katerina

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

Il-11 ta' Awwissu, 2015

Paola

On Friday, 21th August, 2015, between 8.00 p.m. and 11.00 p.m. through Telgħet Paola, Triq Cameron, Triq Windsor, Triq Dgħajjes, Triq Pawlu Boffa, Triq Il-Belt Valletta, Triq Perit Tortell, Triq Clarence and Triq il-Knisja.

On Saturday, 22th August, 2015, between 7.00 p.m. and midnight through Triq Brittania and Triq Il-Belt Valletta.

On Sunday, 23th August, 2015, between 10.00 a.m. and 3.00 p.m. through Triq il-Ġdida, Triq il-Foss, Triq l-Arkati, Triq Ninu Cremona, Triq Sultana, Telgħet Paola, Triq Inverness, Triq Windsor, Triq Perit Tortell, Triq Athlone, Triq l-Ibjar and Triq Cameron.

On Sunday, 23th August, 2015 between 1.00 p.m. and 11.30 p.m. through Triq Brittania, Triq Windsor, Triq Cameron, Telgħet Paola, Triq il-Ġdida, Triq il-Foss, Triq l-Arkata, Triq Ninu Cremona, Triq Il-Belt Valletta and Triq Tortell.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

11th August, 2015

POLICE NOTICE

No. 121

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones on the date and times indicated hereunder.

In virtue of article 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the date and times indicated.

Ħal Għargħur

On Friday, 28th August, 2015 and Saturday, 29th August, 2015 from 5.00 p.m. till midnight through Triq l-Oratorju, Triq San Bartilmew and Misraħ il-Knisja

On Sunday, 30th August, 2015 through Triq l-Oratorju, Triq San Bartilmew and Misraħ il-Knisja

On Sunday, 30th August, 2015 from 3.00 p.m. till midnight through Triq Emanuel Perren, Vjal ir-Repubblika, Triq Stiefnu Zerafa and Triq San Ġwann, Triq in-Naxxar and Triq Santa Katerina

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

11th August, 2015

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 122

Bis-saħħa tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħal Safi

Nhar il-Ħamis, 20 ta' Awwissu, 2015 mis-7.00 p.m. sad-9.00 p.m. minn Pjazza Ħal Safi

Nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Awwissu, 2015 u s-Sibt, 22 ta' Awwissu, 2015 mis-7.00 p.m.'l quddiem minn Pjazza Ħal Safi

Nhar it-Tlieta, 25 ta' Awwissu, 2015 mis-7.00 p.m. 'l quddiem minn Pjazza Ħal Safi

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Għajnsielem, Gozo

Nhar it-Tnejn, 24 ta' Awwissu, 2015 mis-6.00 p.m. sa nofsillejl minn Triq il-Ġnien, Pjazza Indipendenza, Triq R. Perellos, Pjazza Madonna ta' Loreto u Triq J. F. Chambrai.

Nhar it-Tlieta, 25 ta' Awwissu, 2015 mis-6.30 p.m. sa nofsillejl minn Pjazza Madonna ta' Loreto u Triq J. F. Chambrai.

Nhar l-Erbgħa, 26 ta' Awwissu, 2015 mis-6.30 p.m. sa nofsillejl minn Pjazza Madonna ta' Loreto u Triq J. F. Chambrai.

Nhar il-Ħamis, 27 ta' Awwissu, 2015 mis-6.30 p.m. sa nofsillejl minn Pjazza Madonna ta' Loreto, Triq J. F. Chambrai, Triq il-Qala, Triq Simirat, Pjazza Indipendenza u Triq R. Perellos.

Nhar il-Ħamis, 27 ta' Awwissu, 2015 mid-9.30 p.m. sal-10.10 p.m. minn Triq Borg Għarib.

Nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Awwissu, 2015 mis-6.30 p.m. sa nofsillejl minn Triq l-Imġarr, Pjazza Madonna ta' Loreto, Triq J. F. Chambrai u Triq Għajnsielem.

Nhar is-Sibt, 29 ta' Awwissu, 2015 mit-3.00 p.m. sas-7.00 p.m. minn Triq Cordina, Triq l-Imġarr, Triq Għajnsielem, Triq R. Perellos, Pjazza Madonna ta' Loreto u Triq J. F. Chambrai.

Nhar is-Sibt, 29 ta' Awwissu, 2015 mis-7.00 p.m. sas-1.30 a.m. minn Pjazza Madonna ta' Loreto, Triq J. F. Chambrai, Triq il-Ġnien, Pjazza Indipendenza, Triq R. Perellos, Triq Ħamri, Pjazza tad-Dehra u Triq il-Fawwara.

POLICE NOTICE

No. 122

In virtue of Article 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended up to the dates and times indicated.

Ħal Safi

On Thursday, 20th August, 2015 from 7.00 p.m. till 9.00 p.m. through Pjazza Ħal Safi

On Friday, 21st August,2015 and Saturday, 22nd August, 2015 from 7.00 p.m.onwards through Pjazza Ħal Safi

On Tuesday, 25th August, 2015 from 7.00 p.m. onwards through Pjazza Ħal Safi

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

Għajnsielem, Gozo

On Monday, 24th August, 2015 from 6.00 p.m. till midnight through Triq il-Ġnien, Pjazza Indipendenza, Triq R. Perellos, Pjazza Madonna ta' Loreto and Triq J. F. Chambrai.

On Tuesday, 25th August, 2015 from 6.30 p.m. till midnight through Pjazza Madonna ta' Loreto and Triq J. F. Chambrai.

On Wednesday, 26th August, 2015 from 6.30 p.m. till midnight through Pjazza Madonna ta' Loreto and Triq J. F. Chambrai.

On Thursday, 27th August, 2015 from 6.30 p.m. till midnight through Pjazza Madonna ta' Loreto, Triq J. F. Chambrai, Triq il-Qala, Triq Simirat, Pjazza Indipendenza and Triq R. Perellos.

On Thursday, 27th August, 2015 from 9.30 p.m. till 10.10 p.m. through Triq Borg Għarib.

On Friday, 28th August, 2015 from 6.30 p.m. till midnight through Triq l-Imġarr, Pjazza Madonna ta' Loreto, Triq J. F. Chambrai and Triq Għajnsielem.

On Saturday, 29th August, 2015 from 3.00 p.m. till 7.00 p.m. through Triq Cordina, Triq l-Imġarr, Triq Għajnsielem, Triq R. Perellos, Pjazza Madonna ta' Loreto and Triq J. F. Chambrai.

On Saturday, 29th August, 2015 from 7.00 p.m. till1.30 a.m. through Pjazza Madonna ta' Loreto, Triq J. F. Chambrai, Triq il-Ġnien, Pjazza Indipendenza, Triq R. Perellos, Triq Ħamri, Pjazza tad-Dehra and Triq il-Fawwara.

Nhar is-Sibt, 29 ta' Awwissu, 2015 mis-6.20 p.m. sas-7.10 p.m. minn Triq Borg Għarib.

Nhar is-Sibt, 29 ta' Awwissu, 2015 mid-9.20 p.m. sa 11.40 p.m. minn Triq Borg Għarib.

Nhar il-Ħadd, 30 ta' Awwissu, 2015 minn nofsinhar sas-7.00 p.m. minn Triq l-Imġarr.

Nhar il-Ħadd, 30 ta' Awwissu, 2015 mit-3.30 p.m. sa nofsillejl minn Pjazza Madonna ta' Loreto, Triq J. F. Chambrai, Triq Ħamri, Triq R. Perellos, Pjazza Indipendenza, Triq Anġlu Grech, Pjazza tad-Dehra, Triq Fawwara, Triq Dun Ġużepp Galea Rapa.

Nhar il-Ħadd, 30 ta' Awwissu, 2015 mis-6.50 p.m. sal-11.10 p.m. minn Triq Borg Għarib.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Il-11 ta' Awwissu, 2015

MINISTERU GĦAD-DJALOGU SOĊJALI, AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR U LIBERTAJIET ĊIVILI

Pożizzjoni ta' *EIRA Inspector* fid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg fil-Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili

(Approvazzjoni skont il-capacity building datata l-5 ta' Awwissu, 2015)

"Skont klawsola 3.1(l) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil."

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *EIRA Inspector* fid-Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg.

Tul tal-*Assignment* u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'*assignment* ta' sitta u tletin xahar bħala *EIRA Inspector* fid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg, li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħra.

2.2 Il-pożizzjoni ta' *EIRA Inspector* hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

Salarju marbut mal-pożizzjoni

3. Is-salarju għall-pożizzjoni ta' EIRA Inspector huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 10 (bħalissa

On Saturday, 29th August, 2015 from 6.20 p.m. till 7.10 p.m. through Triq Borg Għarib.

On Saturday, 29th August, 2015 from 9.20 p.m. till 11.40 p.m. through Triq Borg Għarib.

On Sunday, 30th August, 2015 through nofsinhar till 7.00 p.m. through Triq l-Imġarr.

On Sunday, 30th August, 2015 from 3.30 p.m. till midnight through Pjazza Madonna ta' Loreto, Triq J. F. Chambrai, Triq Ħamri, Triq R. Perellos, Pjazza Indipendenza, Triq Anġlu Grech, Pjazza tad-Dehra, Triq Fawwara, Triq Dun Ġużepp Galea Rapa.

On Sunday, 30th August, 2015 from 6.50 p.m. till 11.10 p.m. through Triq Borg Għarib.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

11th August, 2015

MINISTRY FOR SOCIAL DIALOGUE, CONSUMER AFFAIRS AND CIVIL LIBERTIES

Position of EIRA Inspector in the Department of Industrial and Employment Relations in the Ministry for Social Dialogue, Consumer Affairs and Civil Liberties

(Capacity building approval dated 5th August, 2015)

"In accordance with clause 3.1(l) of the current Collective Agreement, nomenclatures importing the male gender include also the female gender".

The Permanent Secretary, Ministry for Social Dialogue, Consumer Affairs and Civil Liberties invites applications for the position of EIRA Inspector in the Department of Industrial and Employment Relations

Duration of Assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a thirty-six month assignment as an EIRA Inspector in the Department of Industrial and Employment Relations**,** which may be renewed for further periods.

2.2 The position of EIRA Inspector is subject to a probationary period of twelve (12) months.

Salary pegged to the position

3. The salary attached to the position of EIRA Inspector is equivalent to the maximum point of Salary Scale 10

€20,078.00 fis-sena). Uffiċjali li jokkupaw il-pożizzjoni ta' *EIRA Inspector* ikunu intitolati ukoll għal *allowance* mhux pensjonabbli ta' €2,200 fis-sena.

Dmirijiet

4**.** Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' *EIRA Inspector* jinkludu:

(i) It-twettiq ta' dmirijiet ta' spezzjonar u investigazzjoni konnessi mal-implimentazzjoni tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali inkluż l-iċċekkjar ta' rekords tal-persunal u l-intervistar ta' impjegati fi stabbilimenti tax-xogħol;

(ii) Żjarat f'postijiet tax-xogħol sabiex jingħataw pariri u jkunu assistiti l-ħaddiema u l-prinċipali dwar kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali;

(iii) L-għoti ta' rakkomandazzjonijiet dwar proċeduri għal titjb fil-metodi ta' infurzar u osservanza ta' kwalunkwe aspett li joħroġ mill-Att dwar l-Impjegi u r-Relazzjonijiet Industrijali jew leġiżlazzjoni relatata;

(iv) It-twettiq ta' kwalunkwe xogħol amministrattiv neċessarju, inkluż il-kitba ta' rapporti bl-użu tal-*Information Management System* tad-Dipartiment u l-azzjoni ta' segwitu neċessarja fir-rigward ta' kwalunkwe investigazzjoni li titwettaq;

(v) L-għoti ta' xhieda fil-qorti f'każijiet meta l-każ li jkun qed jiġi investigat jitressaq il-Qorti;

(vi) It-twettiq ta' dmirijiet relatati ma' verifiki ta' *trade unions*;

(vii) Iżomm aġġornat ma' kwalunkwe bidliet fil-leġiżlazzjoni relatati mar-relazzjonijiet industrijali u tal-impjieg;

(viii) It-twettiq ta' kwalunkwe dmirijiet oħra relatati mal-infurzar li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali;

(ix) Dmirjiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin

(currently €20,078.00 per annum). Officers in the position of EIRA Inspector will also be entitled to a non-pensionable allowance of €2,200 per annum.

Duties

4. The duties of EIRA Inspector include:

(i) Performing inspection and investigative duties connected with EIRA legislation including checking of records of personnel and interviewing employees in working establishments;

(ii) Visiting working establishments to advise and assist workers and employers on issues arising from EIRA;

(iii) Recommending procedures for improvement in methods of enforcement and observance of any aspect arising from EIRA or related legislation;

(iv) Performing any necessary administrative work, including report-writing utilising the DIER's Information Management System and necessary follow-up action with regards to any investigations being carried out;

(v) Providing evidence in court whenever a case being investigated is referred for court proceedings;

(vi) Carry out duties related to trade union verifications;

(vii) Keeping abreast with any changes in legislation related to industrial and employment relations;

(viii) Carry out any other enforcement-related duties arising from the implementation of the Employment and Industrial Relations Act;

(ix) Any other duties according to the exigencies of the Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens

fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(ċ) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u Expatriates skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(iii) ikollhom *degree* pertinenti u rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF jew kwalifika xierqa, komparabbli u rikonoxxuta;

Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47);

in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(ii) have the ability to communicate in both the Maltese and English languages;

(iii) in possession of a recognized pertinent degree at MQF Level 6 or an appropriate, recognized comparable qualification;

Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question by the closing time and date of the call for applications.

(iv) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside

filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

5.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak mitlub f'paragrafu 5.1:

għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata f'ispettorati;

għandhom, jew ġew approvati biex jingħataw, *Diploma* rikonoxxuta fi Studji dwar ix-Xogħol (*Diploma in Labour Studies*), f'livell 5 tal-MQF, jew kwalifika rikonoxxuta, xierqa komparabbli.

5.3 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-*link* aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati.

6.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

7. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni.

Sottomissjoni tal-applikazzjoni

8. L-applikazzjonijiet flimkien mal-*curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu mid-Direttur, Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg f'Nru 121, Triq Melita, Il-Belt Valletta sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar l-Erbgħa, it-2 ta' Settembru, 2015. L-applikazzjonijiet jistgħu wkoll jintbagħtu permezz tal-*Online Government Recruitment Portal* fuq (http://recruitment.gov.mt) sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, kif indikat hawn fuq. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Dispożizzjonijiet ġenerali oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

5.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraph 5.1 have:

proven relevant work experience within an inspectorate;

are in possession, or have been approved for the award, of a recognised Diploma in Labour Studies, MQF Level 5, or a recognized appropriate comparable qualification.

5.3 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of supporting documentation

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable.

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection procedure

7. Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the position.

Submission of applications

8. Applications, together with a *curriculum vitae* showing qualifications and experience, will be received by the Director, Industrial and Employment Relations at No. 121, Triq Melita, Valletta by not later than noon (Central European Time) of Wednesday, 2nd September, 2015. Applications can also be submitted through the Online Government Recruitment Portal on (http://recruitment.gov.mt) by the said closing time and date. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Other general provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

kundizzjonijiet applikabbli oħrajn;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
il-proċess sabiex tintbagħat petizzjoni dwar ir-riżultat;

eżami mediku;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati
żamma ta' dokumenti

jinstabu fis-sit elettroniku tad-Direttorat tar-*Resourcing*, Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fl-indirizz (https://opm.gov.mt/en/PAHRO/RESOURCING/Documents/Forms%20and%20Templates/Public%20call%20position-%20general%20provisions%20june.pdf) jew jinkisbu mill mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani tal-Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Għall-fini ta' paragrafu 6.2 tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, in-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi huwa 2124 3177 filwaqt li l-indirizz tal-*email* huwa (ind.emp.relations@gov.mt).

Il-11 ta' Awwissu, 2015

MINISTERU TAL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL

Post ta' *Psychology Assistant* fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol

(Approvazzjoni skont il-capacity building datata 17 ta' Marzu, 2015)

"Skont klawsola 3.1 (l) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil."

1.0 Ġenerali

1.1 Is-Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Psychology Assistant* fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE) fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE).

1.2 Il-funzjonijiet tad-DSE huma stabbiliti bl-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327 tal-Liġijiet ta' Malta) li jidher fis-sit elettroniku (http://education.gov.mt/en/resources/Pages/Legislation.aspx).

other applicable conditions;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
the submission of recognition statements in respect of qualifications;
the publication of the result;
the process for the submission of petitions concerning the result;
medical examination;
access to application forms and related details;
retention of documents

may be viewed by accessing the website of the Public Administration Human Resources Office at the address: (https://opm.gov.mt/en/PAHRO/RESOURCING/Documents/Forms%20and%20Templates/Public%20call%20position-%20general%20provisions%20june.pdf) or may be obtained from the Human Resources Office of the Ministry for Social Dialogue, Consumer Affairs and Civil Liberties These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

For the purpose of paragraph 6.2 of the General Provisions of this call for applications, the fax number of the receiving Department is 2124 3177 and the e-mail address is (ind.emp.relations@gov.mt).

11th August, 2015

MINISTRY OF EDUCATION AND EMPLOYMENT

Post of Psychology Assistant in the Directorate for Educational Services within the Ministry for Education and Employment

(Capacity building approval dated 17th March, 2015)

"In accordance with clause 3.1(l) of the current Collective Agreement, nomenclatures importing the male gender include also the female gender."

1.0 Introduction

1.1 The Permanent Secretary, Ministry of Education and Employment, invites applications for the post of Psychology Assistant in the Directorate for Education Services (DES) within the Ministry for Education and Employment (MEDE).

1.2 The functions of the DES are established by the Education Act (Cap. 327 the Laws of Malta) which may be consulted on: (http://education.gov.mt/en/resources/Pages/Legislation.aspx).

1.3 Il-missjoni tad-DSE hi li jassigura l-operat u l-provvediment ta' servizz b'mod effettiv u effiċjenti fil-kulleġġi u l-iskejjel tal-Istat f'qafas stabbilit ta' deċentralizzazzjoni u awtonomija.

2.0 Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Is-salarju ta' *Psychology Assistant* huwa Skala tas-Salarju 10, li fl-2015 huwa ta' €17,631.98 fis-sena, li jiżdied b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' €20,078.00.

2.2 *Psychology Assistants* jipprogressaw għal Skala ta' Salarju 9 wara ħames snin (5) ta' ħidma sodisfaċenti, jew wara sentejn (2) ta' ħidma sodisfaċenti u l-ksib ta' kwalifika relatata/taħriġ speċjalizzat li jridu jkunu MQRIC Livell 5 jew ogħla, dan flimkien mad-*degree* mitluba minn istituzzjoni rikonoxxuta li tippermettilhom iwettqu ħidmiet speċjalizzati meħtieġa fis-sezzjoni partikolari fejn ikunu impjegati. *Psychology Assistants*, li jiksbu *Masters' Degree* (MQRIC Livell 7) jew kwalifika ogħla minn Università jew Istituzzjoni rikonoxxuta, u li jkollhom ukoll warrant reġistrat maħruġ mill-Malta Psychology Profession Board, jipprogressaw għall-grad ta' Psikologu (Skala ta' Salarju 8).

2.3 Il-post ta' *Psychology Assistant* huwa fuq bażi *full-time* u persuna magħżula tista' titpoġġa fuq massimu ta' xogħol ta' sitt (6) ijiem b'medja ta' erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa fuq medda ta' sena skont skeda tax-xogħol kif stabbilita mid-Direttur Ġenerali (DSE) u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali, kif ukoll regolamenti li jkunu fis-seħħ fid-DSE. Persuna tista' tiġi trasferita skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

2.4 Il-kandidat magħżul ikun intitolat għal *allowances* stipulati f'kull ftehim li jsir bejn il-Gvern u l-Union konċernata.

3.0 Dmirijiet

3.1 *Psychology Assistant* ikun mitlub, taħt superviżjoni, li jassisti lill-Psikologi fid-dmirijiet imniżżla hawn taħt. Id-dmirijiet ewlenin ta' *Psychology Assistant* fost oħrajn, jinkludu li:

Jgħin lit-tfal u liż-żgħażagħ kemm fil-*mainstream* kif ukoll f'ambjenti speċjalizzati li jkunu qed jesperjenzaw diffikultajiet fit-tagħlim u l-iżvilupp tagħhom, biex hekk jassistihom ħalli jiksbu l-aqwa benefiċċju mill-Edukazzjoni;

Jaħdem b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-professjonisti edukattivi psikosoċjali li jaħdmu fi ħdan il-Kulleġġ, mad-Dipartiment għas-Servizzi għall-Istudent tad-DSE, u ma'

1.3 The mission of the DES is to ensure the effective and efficient operation and delivery of services to the Colleges and schools within an established framework of decentralisation and autonomy.

2.0 Terms and Conditions

2.1 The salary for the post of Psychology Assistant is salary scale 10, which in 2015 is €17,631.98 per annum, rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €20,078.00.

2.2 A Psychology Assistant will progress to Scale 9 (currently €18,787.02 x €447.33 - €21,471.00) on completion of five (5) years service in the grade, subject to satisfactory performance, or after two (2) years of satisfactory performance and having acquired an applied qualification/specialised training which must be of MQRIC level 5 or higher, in addition to the pre-requisite degree, from an approved institution which allows them to carry out specialised tasks needed in the particular section where they are employed. Psychology Assistants who, upon attainment of a Masters' Degree (MQRIC Level 7), or a higher qualification from a recognised University or Institution, and who also hold a registered warrant issued by the Malta Psychology Profession Board shall progress to the grade of Psychologist (Salary Scale 8).

2.3 The post of Psychology Assistant is on a full-time basis and the selected candidate may be conditioned to a maximum of a six (6) day week of an average weekly working time of forty (40) hours averaged over a calendar year on a time-table established by the Director General DES and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the DES in particular and involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

2.4 The appointee will be entitled to such other allowances as may be stipulated in any agreement between the government and the competent union.

3.0 Duties

The Department reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

11th August, 2015

FONDAZZJONI GĦALL-ISKEJJEL TA' GĦADA

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi:

Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, l-1 ta' Settembru, 2015, jintlaqgħu offerti magħluqin bil-lingwa Ingliża fil-kaxxa tal-offerti għal:

Avviż Nru. FTS 142-15. Provvista, manifattura u twaħħil ta' xogħlijiet ta' azzar galvanizzat fis-*substation* u s-*switch room* fl-Iskola Sekondarja l-Ġdida fil-Kulleġġ San Benedittu, Ħal Kirkop.

FOUNDATION FOR TOMORROW'S SCHOOLS

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that:

Sealed tenders in English language will be received in the tender box up to 10.00 a.m. of Tuesday, 1st September, 2015, for:

Advt. No. FTS 142-15. Supply, manufacturing and fixing of galvanized steel works in substation and switch room at the New Secondary School at St Benedict's College, Ħal Kirkop.

Id-dokumenti tal-offerti jitniżżlu u jiġu stampati mill-*website* tal-FTS: (www.fts.com.mt) fil-kolonna taħt "Tenders" u n-numru rispettiv tal-offerta.

L-offerti magħluqin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti fl-uffiċċji tal-Fondazzjoni, Triq Sir Adrian Dingli, Pembroke PBK 1940 matul il-ġimgħa bejn it-8.30 a.m. u l-5.00 p.m.

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi l-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħin u d-dati speċifikati hawn fuq.

Il-Fondazzjoni żżomm id-dritt li tirrifjuta l-aħjar jew l-offerti kollha, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Il-11 ta' Awwissu, 2015

MINISTERU GĦALL-INTERN
U S-SIGURTÀ NAZZJONALI

Espressjoni ta' Interess
Polza ta' Assigurazzjoni li tkopri
l-Forzi Dixxiplinari Maltin

Il-benesseri tal-ħaddiema li jagħtu servizz ma' waħda mill-Korpi Dixxiplinati ta' Malti li huma l-Forzi Armati ta' Malta, id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, il-Faċilitajiet Korrettivi ta' Kordin u l-Pulizija ta' Malta huwa fiċ-ċentru tal-aġenda politika u soċjali tal-Ministeru. Biex juri dan l-impeen, il-Ministeru qed jitlob informazzjoni dettaljata rigward il-ħolqien ta' Polza ta' Assigurazzjoni biex iwaqqaf jew jitnaqqsu r-riskji li jiltaqgħu magħhom l-uffiċjali minħabba n-natura perikoluża tad-dmirijiet tagħhom.

Il-Ministeru għalhekk qed jistieden sottomissjonijiet minn persuni/organizazzjonijiet li għandhom il-permessi neċessarji mogħtija taħt il-Leġislazzjoni u r-Regolamenti Nazzjonali biex jeżerċitaw il-kummerċ tal-assigurazzjonijiet biex jibagħtu l-proposti tagħhom li jinkludu l-informazzjoni li ġejja:

1. Isem tal-persuna/i/Organizzazzjoni;

2. Informazzjoni ta' kuntatt għall-persuna/i awtorizzati biex jirrappreżentaw il-persuna/i/Organizzazzjoni;

3. Deskrizzjoni qasira tal-persuna/i/Organizzazzjoni, li tinkludi l-istruttra legali;

4. Dikjarazzjoni li tiddeskrivi fid-dettal il-polza tal-assigurazzjoni, li jinkludu dawn il-kunċetti bażiċi -

Kopertura tal-Assigurazzjoni

Tipi ta' Poloz tal-Assigurazzjoni:
Individwali

Tender documents shall be downloaded and printed from the FTS website: (www.fts.com.mt) under the heading "Tenders" and the respective tender number.

Sealed tenders must be deposited in the tender box at the Foundation's offices, Triq Sir Adrian Dingli, Pembroke PBK 1940 only on weekdays between 8.30 a.m. and 5.00 p.m.

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that the general public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

The right is reserved to refuse the best or all offers, even the most advantageous.

11th August, 2015

MINISTRY FOR HOME AFFAIRS
AND NATIONAL SECURITY

Expression of Interest
Insurance Policy to Cover the
Maltese Disciplined Forces

The well-being of the personnel engaged with one of the Maltese Disciplined Forces which are the Armed Forces of Malta, the Civil Protection Department, The Corradino Correctional Facilities, and the Malta Police Force are at the centre of the political and social agendas of this Ministry. To show in practice our commitment, this Ministry is requesting detailed information with regards to the creation of an Insurance Policy to terminate or mitigate risks which may be borne by the officers due to the dangerous nature of their duties.

This Ministry is hereby inviting submissions from persons/organisations in possession of all the necessary permits granted under the National Legislation and Regulations to conduct trade in the Insurance business to submit their proposal including the following information:

1. Name of submitting person(s)/Organisation;

2. Contact information for person(s) authorised to represent the submitting person(s)/organisation;

3. Brief Description of the person(s)/organisation, including legal structure;

4. A statement describing in detail the insurance policy, including the following basic concepts -

Insurance Coverage

Types of Insurance Policies:
Individual

Imsieħba*
Familja*
Ġenituri waħedhom*

*Miżata nominali tista' tintalab biex titħallas mill-uffiċjal

Partners*
Family*
Single Parent*

*A nominal fee may be requested to be paid by the Officer

Assigurazzjoni fuq il-Ħajja

Assigurazzjoni fuq il-Ħajja – Fejn titħallas somma ta' darba f'każ ta' mewt waqt il-qadi tad-dmirijiet. Tista' tinkludi wkoll il-ħlas ta' kull ipoteka sabiex il-familjari ma jkunux milquta minn diffikultajiet finanzjari.

Inċidenti u Mard – Jekk waqt ix-xogħol, uffiċjal iweġġa' serjament (eżempju amputazzjoni jew telf ta' vista) jew/u kwistjonijiet ta' saħħa oħra (eżempju intossikazzjoni minħabba dħaħen li jħallu danni permanenti), titħallas somma ta' darba f'dik l-eventwalità. Il-Ministeru qed jitlob definizzjoni dettaljata ta' x'jikostitwixxi "jweġġa' serjament" u jista' jkun hemm bżonn ta' speċifikazzjonijiet ulterjuri rigward il-kwistjonijiet ta' saħħa li jistgħu jinqalgħu.

Life Insurance

Life Insurance – Where a lump sum will be paid in case of death on duty. May also include the payment of any mortgages so that dependents would not be burdened with further financial difficulties.

Accident and Sickness – If during the course of work, an officer suffers bodily harm (for example amputation or loss of sight) and/or other health issues (for example intoxication due to fumes), a lump sum would be paid in such an event. The Ministry is kindly requesting detailed definitions of what may constitute bodily harm and further specifications would also be needed on the various health issues that may occur.

Kopertura tas-Saħħa

Akkomodazzjoni u kura mill-infermiera (Jekk il-kura ma tistax tingħata mill-istituzzjonijiet tas-Saħħa Pubblika)

Servizzi Oħra jinkludu t-teatru tal-operazzjoni, mediċini, faxex u kirurgija li jista' jingħata sabiex isir trattament u proċeduri djanjostiċi li jinkludu patoloġija, immaġini u *scanning* mediku **(Jekk il-kura ma tistax tingħata mill-istituzzjonijiet tas- Saħħa Pubblika)**

Akkomodazzjoni biex takkumpanja Adult (Jekk il-kura ma tistax tingħata f'Malta)

Servizzi ta' Tobba (Jekk il-kura ma tistax tingħata mill-istituzzjonijiet tas-Saħħa Pubblika)

Trattament ta' *Out Patients* li jinkludu l-proċeduri djanjostiċi, tekniċi ta' *scanning* mediku, u trattament **(Jekk il-kura ma tistax tingħata mill-istituzzjonijiet tas-Saħħa Pubblika)**

Servizz ta' Infermier id-Dar (Jekk il-kura ma tistax tingħata mill-istituzzjonijiet tas- Saħħa Pubblika)

Benefiċċji ta' Flus meta l-pazjenti isofri telf fil-paga minħabba t-tul ta' rkupru.

Health Cover

Accommodation and Nursing (If care could not be granted by Public Health institutions)

Ancillary Services including operation theatre, drugs, dressings and surgical appliances used in connection with treatment and diagnostic procedures including pathology, imaging and all medical scanning **(If care could not be granted by Public Health Institutions)**

Accompanying Adult Accommodation (If care could not be granted in Malta)

Physicians' Services (If care could not be granted by Public Health institutions)

Out-Patient Treatment including diagnostic procedures, medical scanning techniques, and treatment (**If care could not be granted by Public Health Institutions)**

Nursing at Home (If care could not be granted by Public Health Institutions)

Cash Benefits when patient will suffer loss in pay due to the length of recovery.

5. Esperjenza u Kompetenza f'servizzi simili;

6. Perjodu tal-Kuntratt;

7. Spiża Finanzjarja Dettaljata.

5. Experience and Competence in similar service;

6. Contract Period;

7. Detailed Financial Costings.

L-għadd tal-Forzi Dixxiplinati u dettalji neċessarji oħra jistgħu jinkisbu mill-*website:* (www.homeaffairs.gov.mt/submissions).

Dawk interessati għandhom jibagħtu l-proposti tagħhom lill-Ministeru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali mhux aktar tard mit-Tnejn, 31 ta' Awwissu, 2015 b'posta reġistrati fl-indirizz li ġej:

Is-Segretarju Permanenti
Ministeru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali
201, Triq id-Dejqa
Il-Belt Valletta

Jew b'*email* fuq (submissions.mhas@gov.mt).

Il-korrispondenza kollha hija trattament b'mod kunfidenzjali.

Il-11 ta' Awwissu, 2015

L-UFFIĊĊJU NAZZJONALI
TAL-ISTATISTIKA (NSO)

L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika jgħarraf illi:

Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, 1 ta' Settembru, 2015, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:

Kwot. Nru. NSO/3/2015. Provvediment ta' servizzi ta' tindif lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika bi prodotti ta' tindif li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent

Il-kwotazzjonijiet magħluqin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti fl-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, Lascaris, Il-Belt Valletta VLT 2000.

Id-dokumenti tal-kwotazzjoni jinkisbu billi tintbagħat *email* fuq l-indirizz (personnel.nso@gov.mt), u mis-sit elettroniku tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (www.nso.gov.mt).

Min ikun jixtieq iktar tagħrif jista' jibgħat *email* fuq l-indirizz: (personnel.nso@gov.mt) sat-Tlieta, 25 ta' Awwissu, 2015.

Il-11 ta' Awwissu, 2015

KUNSILL LOKALI PEMBROKE

Il-Kunsill Lokali Pembroke jgħarraf illi:

Sas-1.00 p.m. tat-Tnejn, l-14 ta' Settembru, 2015, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:

Avviż Nru. 02/2015. Polza ta'assikurazzjoni.

Għandu jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Record of number of Disciplined Forces and other necessary details may be found on the following website address: (www.homeaffairs.gov.mt/submissions).

Those interested should submit their proposals to the Ministry for Home Affairs and National Security by not later than the 31st of August 2015 by registered mail sent to the following address:

The Permanent Secretary
Ministry for Home Affairs and National Security
201, Strait Street
Valletta

Or by e-mail on (submissions.mhas@gov.mt).

All correspondence will be treated confidentially

11th August, 2015

NATIONAL STATISTICS
OFFICE (NSO)

The National Statistics Office notifies that:

Sealed quotations will be received up to 10.00 a.m. of Tuesday, 1st September, 2015, for:

Quot. No. NSO/3/2015. Provision of cleaning services to the National Statistics Office using environmentally friendly cleaning products

Sealed quotations are to be submitted in the Tender Box at the National Statistics Office, Lascaris, Valletta VLT 2000, Malta.

Quotation documents may be obtained by sending an email to (personnel.nso@gov.mt), and from the website of the National Statistics Office at (www.nso.gov.mt).

In case of any queries related to above mentioned quotation, please send an email on (personnel.nso@gov.mt) up to Tuesday, 25th August, 2015.

11th August, 2015

PEMBROKE LOCAL COUNCIL

The Pembroke Local Council notifies that:

Sealed tenders will be received up to 1.00 p.m. of Monday, 14th September, 2015, for:

Advt. No. 02/2015. Insurance cover.

A fee of €50 is to be charged for each copy of tender document.

Avviż Nru. 03/2015. Żamma u manutenzjoni ta' *parks* u ġonna.

Għandu jitħallas dritt ta' €100 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

L-offerti kollha għandhom jitwasslu bl-idejn u jintefgħu f'envelop magħluq. Aktar tagħrif u dokumenti dwar l-offerti jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Pembroke li jinsab fi Triq Alamein, Pembroke, waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju. L-offerti kollha jinfetħu fil-pubbliku wara l-ħin stipulat tal-għeluq.

Il-Kunsill Lokali Pembroke iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta jew parti minnha, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Il-11 ta' Awwissu, 2015

KUNSILL LOKALI IR-RABAT (MALTA)

Il-Kunsill Lokali Ir-Rabat (Malta) jgħarraf illi:

Sa nofsinhar tal-Ġimgħa, il-11 ta' Settembru, 2015, jintlaqgħu kwotazzjonijieti magħluqin għal:

Kwot. Nru. RLC/Q/091/15. Servizz ta' *mini bus* għan-nursery tal-*football* tar-Rabat Ajax.

Dokumenti tal-kwotazzjoni jistgħu jinġabru mill-Kunsill Lokali Ir-Rabat, 8, Triq l-Isptar. Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull kwotazzjoni, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Aktar informazzjoni tinkiseb mingħand is-Segretarju Eżekuttiv fuq in-numri tat-telefon 2145 5000/ 2145 1510 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Il-11 ta' Awwissu, 2015

KUNSILL LOKALI ĦAL QORMI

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi jgħarraf illi:

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Settembru, 2015, jintlaqgħu offerti/kwotazzjonijiet magħluqin fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill għal:

Avviż Nru. QLC/LKG/26/98. Kiri ta' *Kiosk* fil-Ġnien De La Cruz, Ħal Qormi

Avviż Nru. QLC/KSF/06/13. Restawr fuq il-Knisja ta' San Franġisk, f'Ħal Qormi

Għandu jitħallas dritt ta' €25 għal kull dokument tal-offerta.

Kwot. Nru. QLC/GĦS/20/10. Servizzi minn *Youth Nurseries* Sportivi

Advt. No. 03/2015. Upkeep and maintenance of parks and gardens.

A fee of €100 is to be charged for each copy of tender document.

All offers are to be submitted and deposited by hand in sealed envelopes. Further information and forms/ documentations may be obtained from the Administrative Office of Pembroke Local Council, Triq Alamein, Pembroke, during office hours. Offers will be opened in public after the closing time stipulated.

The Pembroke Local Council reserves the right to refuse any tender or part thereof, even the most advantageous.

11th August, 2015

RABAT (MALTA) LOCAL COUNCIL

The Rabat (Malta) Local Council notifies that:

Sealed quotations will be received up to noon of Friday, 11th September, 2015, for:

Quot. No. RLC/Q/091/15. Mini bus service for Rabat Ajax football nursery.

Quotation documents may be collected from the Rabat Local Council, 8, Triq l-Isptar. The Council reserves the right to refuse all quotations, even the most advantageous.

More information may be obtained from the Executive Secretary on telephone numbers 2145 5000/ 2145 1510 from Monday to Friday between 8.30 a.m. and noon.

11th August, 2015

ĦAL QORMI LOCAL COUNCIL

The Ħal Qormi Local Council notifies that:

Sealed tenders/quotations will be received in the Council's Administrative Offices up to noon of Friday, 11th September, 2015, for:

Advt. No. QLC/LKG/26/98. Lease of Kiosk at De La Cruz Garden, Ħal Qormi

Advt. No. QLC/KSF/06/13. Restoration of St Francis Church, Ħal Qormi

A fee of €25 will be charged for each tender document.

Quot. No. QLC/GĦS/20/10. Provision of services from Sports Youth Nurseries

Id-dokument tal-kwotazzjoni huwa mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerta/kwotazzjoni jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 392, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, QRM 2507 matul il-ħinijiet tal-uffiċċju.

L-offerti/kwotazzjonijiet jinfetħu minnufih fid-data u l-ħin tal-għeluq fil-preżenza tal-pubbliku.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta/kwotazzjoni, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Il-11 ta' Awwissu, 2015

KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA

Il-Kunsill Lokali Ix-Xewkija jgħarraf illi:

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Settembru, 2015, jintlaqgħu offerti magħluqin għas-servizzi ta' hawn taħt:

Avviż Nru. 2015-4. Sevizz ta' *Accountant* għall-Kunsill Lokali Ix-Xewkija.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu minn nhar l-Erbgħa, 12 ta' Awwissu, 2015 mill-Uffiċċju tal-Kunsill għall-ħlas ta' €50 kull kopja.

L-offerti jinfetħu fil-preżenza tal-pubbliku minnufih wara li jagħlqu.

Il-Kunsill jgħarraf li jista' jirrifjuta kull offerta, anke dik l-aktar vantaġġuża.

Il-11 ta' Awwissu, 2015

KUNSILL LOKALI IN-NAXXAR

Il-Kunsill Lokali In-Naxxar jgħarraf illi:

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Settembru, 2015, fil-kaxxa tal-offerti fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali jintlaqgħu offerti magħluqin għal:

Avviż Nru. T10/2015. Provvediment u installazzjoni ta' dawl għall-barra tal-Milied LED.

Għandu jitħallas dritt ta' €20 għal kull dokument tal-offerta.

Dokumenti tal-offerti/speċifikazzjonijiet se jkunu provduti biss b'mod elettroniku.

Id-dokumenti tal-offerti jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali minn nhar l-Erbgħa, 12 ta' Awwissu,

The quotation document is free of charge

Tender/quotation documents can be collected from the Council's Administrative Offices, 392, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi QRM 2507 during office hours.

Tenders/quotations will be opened in public at the same office immediately after closing time.

The Council reserves the right to refuse any offer/quotation, even the most advantageous.

11th August, 2015

XEWKIJA LOCAL COUNCIL

The Xewkija Local Council notifies that:

Sealed tenders will be received up to noon of Friday, 11th September, 2015, for the following services:

Advt. No. 2015-4. Service of an Accountant for the Xewkija Local Council.

Tender documents may be obtained from Wednesday, 12th August, 2015 from the Council's Office against a fee of €50 per copy.

Tenders will be opened in the presence of the public after the closing time.

The Council notifies that it can refuse all offers, even the most advantageous.

11th August, 2015

NAXXAR LOCAL COUNCIL

The Naxxar Local Council notifies that:

Sealed tenders will be received at the Local Council's Administrative Office up to noon of Monday, 14th September, 2015, for:

Advt. No. T10/2015. Provision and installation of LED Christmas lights for outdoor use.

A fee of €20 is to be paid for each tender document.

Tender documents/specifications will only be supplied in electronic format.

Tenders can be obtained from the Council's office as from Wednesday, 12th August, 2015, between Monday and

2015, bejn it-8.00 am. u nofsinhar sal-aħħar ta' Awwissu, mill-1 ta' Settembru bejn it-8.00 a.m. u s-1.00 p.m. u s-Sibt bejn it-8.00 a.m. u l-11.30 a.m.

L-offerti jinfetħu fil-pubbliku minnufih wara d-data u l-ħin tal-għeluq.

Id-dokumenti tal-offerti jistgħu ukoll ikunu spezzjonati mingħajr ħlas waqt l-istess ħinijiet.

Il-11 ta' Awwissu, 2015

ASSOĊJAZZJONI GVERN LOKALI

L-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali tgħarraf lill-partijiet interessati u kkwalifikati illi:

Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, l-10 ta' Settembru, 2015, fl-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern Lokali, Triq il-Gvern Lokali, Qasam Industrijali tal-Marsa, Il-Marsa, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:

Avviż Nru. LCA/07/2015. Provvediment ta' faċilitajiet ta' konferenza u *catering* għal-Laqgħa Plenarja li se ssir nhar is-Sibt, 17 ta' Ottubru, 2015

Id-dokumenti tal-offerta jistgħu jinkisbu mill-uffiċċju tal-Assoċjazzjoni. Id-dokumenti jinfetħu fil-preżenza tal-pubblika wara d-data u l-ħin tal-għeluq. Aktar dettalji jinkisbu mingħand is-Segretarju Eżekuttiv.

L-Assoċjazzjoni żżomm id-dritt li tirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Il-11 ta' Awwissu, 2015

Friday from 8.00 a.m. to noon up to end of August, from 1st September between 8.00 a.m. to 1.00 p.m. and Saturdays between 8.00 a.m. to 11.30 a.m.

The tenders received will be opened in public after the closing time stipulated on the same day.

Tender documents may also be inspected during the same hours free of charge.

11th August, 2015

LOCAL COUNCILS' ASSOCIATION

The Local Councils' Association notifies interested and qualified parties that:

Sealed tenders will be received at the Local Council's Association, Local Government Building, Triq il-Gvern Lokali, Marsa Industrial Estate, Marsa, up to 10.00 a.m. of Thursday, 10th September, 2015, for:

Advt. No. LCA/07/2015. Provision of conference facilities and catering for the Plenary Meeting to be held on Saturday, 17th October, 2015

Tender documents may be obtained from the LCA offices. Documents will be opened in the presence of the public in the closing date and time. Further details may be obtained from the Executive Secretary.

The Association reserves the right not to accept even the most advantageous offer.

11th August, 2015

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1301

Permezz tad-digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali fl-24 ta' Lulju 2015, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 416/2015 fl-ismijiet Michael Xuereb bil-karta tal-identità numru: 22944(G) bl-indirizz f'numru: 7, Triq Anġlu Grech, Għajnsielem, Għawdex, vs Michael Angelo Zammit bil-karta tal-identità numru: K.I 31156G, bl-indirizz "Villa Zammit", Triq Papa Ġwanni Pawlu II, Rabat, Għawdex, ippreżentata fit-12 ta' Ġunju 2015, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex issevi ta' notifika fil-konfront tal-intimati a tenur tal-Artikolu 187 (3) tal-Kap. 12.

Lil Michael Angelo Zammit li għandu karta tal-identità numru: 31156(G) bl-indirizz "Villa Zammit", Triq Papa Ġwanni Pawlu II, Rabat, Għawdex.

By means of a decree of the 24th July 2015, delivered by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section in the records of judicial letter number 416/2015, in the names Michael Xuereb (I.D. 22944G) with address at 7, Triq Anġlu Grech, Għajnsielem, Gozo vs Michael Angelo sive Zammit (I.D. 31156G) with address at "Villa Zammit", Triq Papa Ġwanni Pawlu II, Victoria, Gozo which letter was filed on the 12th June 2015 it was ordered that the following publication be affected in order to seve as sevice on the respondent in terms of article 187 (3) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

To Michael Angelo Zammit, Identity Card Holder Number:- 31156(G) with address at "Villa Zammit", Triq Papa Ġwanni Pawlu II, Victoria, Gozo.

Permezz tal-preżenti, Michael Xuereb ta' 7 Triq Anġlu Grech, Għajnsielem, Għawdex, li għandu l-karta tal-identità numru 22944(G) jinterpellak bħala l-uniku werriet ta' ommok Agnes Zammit, sabiex żmien jumejn minn notifika lilek ta' dan l-avviż inti tħallas lill-mittenti:

(i) l-ispejjeż tal-appell tal-kawża: Agnes Zammit vs Joseph Xuereb et (Citaz. numru 39/06), ċedut fit-28 ta' Settembru 2011, li jammontaw għal ħmistax-il elf ħames u wieħed ewro u sitta u sebgħin ċentezmi (€15, 501.76) bil-VAT skont it-taxxa tal-ispejjeż u drittijiet annessa u markata 'A';

(ii) l-ispejjeż tal-appell tal-kawża: Agnes Zammit vs Registratur tal-Qorti et (Rikors 107/12), deċiż fit-22 ta' Frar 2013, li jammontaw għal seba' mija u tnejn u sebgħin ewro u sbatax-il ċentezmi (€772.17) bil-VAT skont it-taxxa tal-ispejjeż u drittijiet annessa u markata 'B';

(iii) l-ispejjeż tal-Mandat ta' Sekwestru 43/2012 u tar-Rikors 43/2012 fl-ismijiet: Michael Xuereb vs Agnes Zammit li sar fit-termini tal-artikolu 281 tal-Kap. 12, li jammontaw għal mitejn u tlieta u sittin ewro u sebgħin ċentezmi (€263.70) bil-VAT skont it-taxxa tal-ispejjeż u drittijiet annessa u markata 'C';

(iv) l-ispejjeż tal-Ittri uffiċjali 420/2010 tal-21 ta' Lulju 2010, 787/2011 tal-25 ta' Novembru 2011, u 22/2012 tas-6 ta' Jannar 2012 li jammontaw għal mija u tnejn u ħamsin ewro u disgħa u għoxrin ċentezmi (€152.29) bil-VAT skont t-taxxi tal-ispejjeż u drittijiet annessi u markati 'D', 'E', u 'F';

(v) l-ispejjeż tal-appell tat-terz fil-kawża: Joseph Xuereb et vs Agnes Zammit (Ċitaz. 10/11) deċiż fis-26 ta' April 2013, li jammontaw għal elf sitt mija u disa' u tletin ewro u tnax-il ċentezmi (€1, 639.12) bil-VAT skont taxxa tal-ispejjeż u drittijiet annessa u markata 'G';

(vi) is-somma ta' elf u erbgħa mitt ewro u sitta u disgħin ċentezmi (€1,400.96) ta' parti mid-dritt tar-reġistru tal-kawża: Joseph Xuereb et vs Agnes Zammit (Rikors Ġur. 1/2006) li l-mittenti kien kostrett li jħallas lir-Reġistratur tal-Qorti t'Għawdex, u elf u tliet mitt ewro (€1, 300) ta' sehem il-mittenti mill-bqija tal-ispejjeż tal-istess kawża meta skont is-sentenza tal-20 ta' Marzu 2007, kienet ġiet ikkundannata li tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża Agnes Zammit, u dan skont taxxa tal-ispejjeż u drittijiet annessa u markata 'H';

(vii) L-ispejjeż u d-drittijiet kollha tar-rikorsi li saru fl-atti tal-proċeduri 1/2006, 75/2007, 92/2010, 43/2012, degretati fid-9 ta' Jannar 2014, u ta' 39/2006 u 107/2012 degretati fl-20 ta' Mejju 2015, li jammontaw komplessivament għal sitt mija u tletin ewro u sebgħa u disgħin ċentezmi (€630.97) bil-VAT, VAT skont taxxa tal-ispejjeż u drittijiet annessa u markata 'I' sa 'N'.

By the present Michael Xuereb, of number 7, Triq Anġlu Grech, Għajnsielem, Gozo, Identity Card Holder Number: 22944(G) calls upon you as the only heir of your mother Agnes Zammit, so that within two (2) days from receiving sevice of this notice you pay the interpellants:

(i) The costs of the appeal case: Agnes Zammit vs Joseph Xuereb et (Case number: 39/06), ceded on the 28th September 2011, that amounts for the sum of fifteen thousand, five hundred and one euro and seventy-six cents (€15, 501.76) with VAT according to the tax bill and judicial rights annexed and marked 'A';

(ii) The costs of the appeal case: Agnes Zammit vs Registrar of Courts et (Case number 107/2012), decided on the 22nd February 2013, that amounts to the sum of seven hundred and seventy-two euro and seventeen cents (€772.12) with VAT according to the tax bill and judicial rights annexed and marked 'B';

(iii) The costs of the Garnishee order 43/2012 and the application 43/2012 in the names Michael Xuereb vs Agnes Zammit filed in terms of Article 281 of Cap. 12, that amounts for the sum of two hundred and sixty-three Euro and seventy cents (€263.70) with VAT according to the tax bill and judicial rights annexed and marked 'C';

(iv) The costs of the judicial letter 420/2010 of the 21st July 2010, 787/2011 of the 25th November 2011, and 22/2012 of the 6th January 2012 that amounts to the sum of one hundred and fifty two Euro and twenty-nine cents with VAT according to the tax bill and judicial rights annexed and marked as 'D', 'E' and 'F';

(v) The costs of the appeal of third parties in the case:- Joseph Xuereb et vs Agnes Zammit (Case number 10/2011) decided on the 26th April 2013, amounting to the sum of one thousand, six hundred and thirty-nine euro and twelve cents (€1, 639.12) with VAT according to the tax bill and judicial rights and marked as Dok 'G';

(vi) The sum of one thousand and four hundred euros and ninety-six cents (€1,400.96c) as part of the registry fees of the case:- Joseph Xuereb et vs Agnes Zammit (Application sworn number. 1/2006) that the interpellants was constrained to pay the Registrar of Gozo Courts, the sum of one thousand and three hundred euro (€1, 300) of the share of the interpellants out of the balance of the cost of the same case which according to the judgement of the 20th March 2007, was condemned to pay the cost of the case Agnes Zammit, and this according to the tax bill and judicial rights marked as Dok H;

(vii) Costs and judicial fees of all applications made in the acts of procedures 1/2006, 75/2007, 92/2010, 43/2012, decreed on the 9th January 2014, of 39/2006 and 107/2012 decreed on the 20th May 2015, amounting in all for the sum of six hundred, thirty euro and ninety-seven cents with VAT, VAT according to the tax bill of judicial costs marked as Dok 'I' up to 'N'.

Total dovut minnek huwa ta' wieħed u għoxrin elf sitt mija u sittin ewro u sebgħa u disgħin ċentezmi (€21,660.97) li flimkien mal-ispejjeż tal-istanti ta' €48 u €48 oħra tal-ittra uffiċjali numru 414/2013 tas-7 ta' Awwissu 2013, jammontaw għal wieħed u għoxrin elf seba' mija u sitta u ħamsin ewro u sebgħa u disgħin ċenteżmi (€21, 756.97).

Minn dan l-ammont dovut minnek il-mittenti qed inaqqas is-somma ta' elf tmien mija u erba' u tmenin ewro u ħamsa u tletin ċentezmi (€1, 884.35) li hija d-differenza li kien fadallu jirrifondi lil Agnes Zammit mill-ispejjeż tal-prim'istanza tal-kawża fl-ismijiet: "Agnes Zammit vs Josepħ Xuereb et" (Ċitaz. 39/2006) deċiża mill-Qorti ta' Għawdex fil-5 ta' Novembru 2010, li kkundannat lill-partijiet iħallsu ugwalment bejniethom l-ispejjeż tal-kawża. L-ispejjeż totali skont it- taxxa annessa u markata 'O' kienu jammontaw għal €57,178.17 li bejn maqsuma bejn sitt ċippijiet sehem il-mittenti kien ta' €9,529.69, u billi l-kolonna tiegħu kienet gia' tammonta għal €7,645.34, jigi li kien fadallu jħallas lil Agnes Zammit il-bilanc fuq imsemmi ta' €1,884.35.

Il-mittenti qed inaqqas ukoll sehemu mill-ispejjeż tal-kawża fl-ismijiet: Joseph Xuereb et vs Agnes Zammit (Ċitaz. 10/2011) deċiża fis-26 ta' April 2013, fl-ammont ta' ħames mija u tmienja u tmenin ewro (€588) li ġie kkundannat iħallas flimkien mal-atturi l-oħra fil-kawża mill-ispejjeż tal-kawża relattivi għall-konvenuta Agnes Zammit, wara li rċieva l-ittra tiegħek bil-kont tal-4 ta' Ġunju 2013.

Għaldaqstant ammont nett dovut minnek huwa ta' dsatax-il elf mitejn u erbgħa u tmenin ewro u tnejn u sittin ċentezmi (€19,284.62).

Jekk jgħaddi inutilment iż-żmien lilek hawn konċess u tibqa' ma tweġibx għal din is-sejħa, il-mittenti se jgħaddi minnufiħ għall-eżekuzzjoni billi jitlob il-ħruġ tal-opportuni mandati esekuttivi kontra tiegħek.

Daqstant sabiex tkun avżat, tagħraf tidderieġi ruħħek, u tevita proċeduri ulterjuri bi spejjeż żejda inutilment.

Ħallas l-ispejjeż tal-istanti fuq imsemmija.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri Ġurisdizzjoni Ġenerali, hawn fuq imsemmija, bix-xhieda ta' Dr Paul Coppini LL.D Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 24 ta' Lulju, 2015

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Ġurisdizzjoni Ġenerali

Illum 6 ta' Awwissu, 2015

DIANE FARRUGIA
Għar-Reġistratur Qrati u Tribunali (Għawdex)

The total amount due by you are of twenty one thousand, six hundred and sixty euro and ninety seven cents (€21,660.97) out of which the costs of the first instance of €48 and another €48 for the judicial letter 414/2013 of the 7th August 2013, amounting to the sum of twenty one thousand, seven hundred and fifty-six euro and ninety-seven cents (€21, 756.97).

Out of this amount due by you the interpellant is deducting the sum of one thousand, eight hundred and eighty four euro and thirty-five cents (€1, 844.35), that is the difference of the remaining balance to Agnes Zammit from the costs of the first instance case in the names "Agnes Zammit vs Joseph Xuereb et" (Application. 39/2006) decided from the Gozo Courts on the 5th November 2010, condemned the parties to pay equally amongst them the judicial costs of the case. The total costs according to the annexed tax bill and marked 'O' amounted to the sum of €57,178.17 divided amongst between six shares, the share of the interpellants were of €9,529.69, and since his column amounts to the sum of €7,645.34, the remaining payment towards Agnes Zammit is the balance aforesaid mentioned of €1,844.35.

The interpellants are deducting the share of the case in the names: Joseph Xuereb et vs Agnes Zammit (Case number: 10/2011) decided on the 26th April 2013, in the amount of five hundred eighty-eight euro (€588) has been condemned to pay together with the other plaintiffs in the case from the judicial cost of the relative cases towards the defendant Agnes Zammit, after receiving your letter with the bill of costs of the 4th June 2013.

Therefore the amount due by you is nineteen thousand, two hundred and eighty-four Euros and sixty-two cents (€19,284.62).

In default, sender will proceed immediately for execution by requesting the issuing of the opportune executive warrants against you.

This is for your guidance and to avoid further unnecessary legal action and expenses.

You are also to pay the costs of this present letter.

Issued by the aforementioned Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, under the signature of Dr. Paul Coppini LL.D, a Magistrate of the said Court.

This 24th July 2015

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

This 6th August 2015

DIANE FARRUGIA
For the Registrar Gozo Courts and Tribunals

1302

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fil-10 ta' Ġunju 2015, Rikors Numru 611/2015, minn Alfred u George aħwa Barbaro Sant, Anna Maria sive Anna May Barbaro Sant, imwielda r-Rabat Malta u rikoverata fir-residenza San Vincenz de Paul li għandha l-Karta tal-Identità bin-numru 0233946(M) ġiet interdetta permezz ta' digriet mogħti fis-26 ta' Lulju 2015.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja)

Illum 7 ta' August 2015

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 10th June 2015, Application number 611/2015 by Alfred and George brothers Barbaro Sant, Anna Maria sive Anna May Barbaro Sant, was born in Rabat, Malta and under care at Saint Vincent de Paul holding identity card number 0233946(M) was interdicted by means of a decree given on the 26th July 2015.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today 7th August 2015

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Court and Tribunals

1303

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fis-26 ta' Ġunju 2015, Rikors Numru 680/2015, minn Joseph Bonello u oħrajn fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Nazzareno, Anthony, Carmel, Christine sive Cristina Vassallo, Emma Burg, Valentina Taylor, ilkoll aħwa Vassallo u dan fi kwota ta' ottava parti (1/8) indiviża kull wieħed u waħda minnhom; favur ulied il-premort Francis Bonanno, u cioè Joseph, Godwin, Maryann Sant u Carmel, ilkoll aħwa Bonanno u dan fi kwota ta' parti waħda min tnejn u tletin parti (1/32) indiviża kull wieħed u waħda minnhom; u favur ulied il-premorta Paolina Attard u cioè Maria Borg, Concetta sive Connie Farrugia, Francis u Joseph ilkoll aħwa Attard, u dan fi kwota ta' parti waħda minn tnejn u tletin parti (1/32) indiviza kull wieħed u waħda minnhom, is-SUĊĊESSJONI ta' Maryanne Bonanno, xebba, bint il-mejtin Joseph Bonanno u Victoria née Vella, imwielda u kienet toqgħod Mellieħa, ġiet rikoverata f'Dar tal-Anzjani l-Ħamrun fejn mietet fit-13 ta' Frar 2015 ta' 83 sena u li kellha karta tal-identità numru 0723131(M) u li mietet bla testment.

Għaldaqstant kull min jidhirlu li għandu interess huwa imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-Avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja

Illum 7 ta' Awwissu 2015

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 26th June 2015, Application number 680/2015 by Joseph Bonello and others whereby they prayed that it be declared open in favour of Nazzareno, Anthony, Carmel, Christine sive Cristina Vassallo, Emma Burg, Valentina Taylor all brothers and sisters Vassallo and this in the quota of one eighth (1/8) undivided share each one of them; in favour of the children of the predeceased Francis Bonanno, and that is Joseph, Godwin, Maryann Sant and Carmel all brothers and sisters Bonanno and this in the quota of one part out of thirty two (1/32) undivided share each one of them; and in favour of the predeceased Paolina Attard and that is Maria Borg, Concetta sive Connie Farrugia, Francis and Joseph all brothers and sisters Attard, and this in the quota of one part out of thirty two (1/32) undivided share each one of them the SUCCESSION of Maryanne Bonanno, unmarried, daughter of the late Joseph Bonanno and Victoria née Vella, born and resided in Mellieħa, and was under care at The Home for the Elderly in Ħamrun where she died on the 13th February 2015 aged 83, intestate, holding identity card number 0723131(M).

Wherefore any person who considers to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section

Today 7th August 2015

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Court and Tribunals

1304

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fl-14 ta' Lulju 2015, Rikors Numru 739/2015, minn Alexander Fenech fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur tiegħu u ħutu Maria Jervis, Anthony, Alfred u Catherine Borg, ilkoll aħwa Fenech u dan fi kwoti ndaqs bejniethom is-SUĊĊESSJONI ta' ħuh John Fenech, ġuvni, iben il-mejtin Saviour u Carmen née Gatt, imwieled u kien residenti Sliema fejn miet fil-15 ta' April 2015 ta' 66 sena u li kellu karta tal-identità numru 0807148(M) u li miet bla testment.

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 14th July 2015, Application number 739/2015 by Alexander Fenech whereby he prayed that it be declared open in his favour and in favour of his brothers and sises Maria Jervis, Anthony, Alfred and Catherine Borg all brothers and sisters Fenech in equal shares between them the SUCCESSION of their brother John Fenech, bachelor, son of the late Saviour and Carmen née Gatt, born and resided in Sliema where he died on the 15th April 2015 aged 66, intestate, holding identity card number 0807148(M).

Għaldaqstant kull min jidhirlu li għandu interess huwa imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-Avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja

Illum 7 ta' Awwissu 2015

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

Wherefore any person who considers to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section

Today 7th August 2015

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Court and Tribunals

1305

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fit-8 ta' Ġunju 2015, Rikors Numru 594/2015, minn Kuno Lisher fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur tiegħu fl-intier kollu tagħha s-SUĊĊESSJONI ta' ħuh Heinz Lischer, ġuvni, iben il-mejtin Theodor u Hedwig née Schor, imwieled l-Isvizzera, kien residenti San Ġiljan u miet l-Isvizzera fit-18 ta' Frar 2015 u li miet bla testment.

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 8th June 2015, Application number 594/2015 by Kuno Lischer whereby he prayed that it be declared open in his favour in its enterity the SUCCESSION of his brother Heinz Lischer, bachelor, son of the late Theodor and Hedwig née Schor, born in Swizerland, resided in San Ġiljan and died in Swizerland on the 18th February 2015, intestate.

Għaldaqstant kull min jidhirlu li għandu interess huwa imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-Avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja

Illum 7 ta' Awwissu 2015

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

Wherefore any person who considers to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section

Today 7th August 2015

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Court and Tribunals

1306

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fis-26 ta' Ġunju 2015, Rikors Numru 679/2015, minn Leslie Bajada

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 26th June 2015, Application number 679/2015 by Leslie Bajada and others

u oħrajn fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Alison Giaccomotto fl-intier kollu tagħha s-SUĊĊESSJONI ta' Angela Bajada, xebba, bint Leslie Spiro Bajada u Anna née Borg Cardona, imwielda Pietà, kienet toqgħod l-Ibraġ u mietet tal-Qroqq, Msida fit-8 ta' Frar 2015 ta' 24 sena u li kellha karta tal-identità numru 0162190(M) u li mietet bla testment.

Għaldaqstant kull min jidhirlu li għandu interess huwa imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-Avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja

Illum 7 ta' Awwissu 2015

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

whereby they prayed that it be declared open in favour of Alison Giaccomotto in its enterity the SUCCESSION of Angela Bajada, unmarried, daughter of Leslie Spiro Bajada and Anna née Borg Cardona, born in Pietà, resided in Ibraġ and died in Tal-Qroqq, Msida on the 8th February 2015 aged 24, intestate, holding identity card number 0162190(M).

Wherefore any person who considers to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section

Today 7th August 2015

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Court and Tribunals

1307

B'digriet tas-27 ta' Lulju, 2015 mogħti mill-Qorti Ċivili Prim Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazjoni Ċivili (Kap. 12)

Illi b'Rikors ppreżentat mis-soċjetà bankarja Bank of Valletta p.l.c fl-4 ta' Frar, 2015, qed jintalab l-iżbank iċ-ċwievet miċ-ċedola ta' depożitu 107/15 fl-ismijiet Bank of Valletta plc (C2833) vs Joseph Grech u Doreen Fenech fl-atti tas-subbasta bin-numru 27/12 fl-ismijiet Bank of Valletta plc (C2833) vs Joseph Grech et. Il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lill-partijiet interessati li jkollhom għaxart ijiem għar-risposta.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum, il-Ħamis, 6 ta' Awwissu, 2015.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By a Decree of the 27th July, 2015 given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12)

That by an application filed by Bank of Valletta p.l.c on the 4th February, 2015, the said person is asking for the withdrawal of keys from the schedule of deposit 107/15 in the names Bank of Valletta plc (C2833) vs Joseph Grech and Doreen Fenech in the acts of the judicial sale by auction numbered 27/12 in the names Bank of Valletta plc (C2833) vs Joseph Grech et. The Court ordered the notification of the application to all the interested parties with a ten days period for the reply.

Registry of the Superior Courts, today Thursday, 6th August, 2015.

MARVIC FARRUGIA
For The Registrar Civil Courts and Tribunals

1308

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-5 ta' Awwissu, 2015 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Maġistrat Dr Marse-Ann Farrugia LL.D) Kumpilazzjoni Numru 623/2015 fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(Spettur Justine Grech)
(Spettur Malcolm Bondin)

Kontra
DANIEL ERDOZAIN OCANA, ta' 30 sena, diżokkupat, bin Manuel u Maria Dolores Ocana Carrido, imwieled Cadiz,

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 5th August, 2015 given by the Court of Maġistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry – (Maġistrate Dr Marse-Ann Farrugia LL.D) Compilation Number 623/2015 in the case:

The Police
(Inspector Justine Grech)
(Inspector Malcolm Bondin)

Versus
DANIEL ERDOZAIN OCANA, 30 years, unemployed, son of Manuel and Maria Dolores Ocana Carrido, born in

Spanja fit-12 ta' Frar 1985, residenti fil-fond bin-numru 189, Flat 3, Triq il-Marina, Pietà Malta u detentur ta' passaport Spanjol bin-numru AAG526722.

ORDNAT is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, l-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li huma dovuti lil jew imissu lil DANIEL ERDOZAIN OCANA jew li huma proprjetà tiegħu u pprojbietu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort' oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illum, 6 ta' Awwissu, 2015

Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta)

MARVIC PSAILA
Deputat Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali (Malta)

Cadiz, Spain on the 12th February 1985, residing at number 189, Flat 3, Marina Street, Pietà' Malta and holder of a Spanish Passport bearing number AAG526722.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general all monies and other movable property due or pertaining or belonging to DANIEL ERDOZAIN OCANA and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property and this according to Section 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta and of Section 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta.

Today, 6th August, 2015

Registry of the Courts of Criminal Judicature (Malta)

MARVIC PSAILA
Deputy Registrar, Criminal Courts and Criminal Tribunals (Malta)

1309

B'digriet mogħti, fis-27 ta' Mejju 2015, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), fl-atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Bonnici Clive vs Bellia Katia, rikors numru 515/14 RGM, ġiet ordnata is-segwenti pubblikazzjoni biex issevi ta' notifika fil-konfront tal-konvenuta, a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq. tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat, ippreżentat, fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet Clive Bonnici (ID 195081(M) vs Katia Bellia (ID 336382M) fit-28 ta' Novembru 2014, ir-rikorrenti Clive Bonnici (ID 195081M) espona bir-rispett u talab lil din l-Onorabbli Qorti;

Illi l-partijiet iżżewġu nhar it-tletin (30) ta' April 2006 u minn dan iż-żwieġ ma twieldu l-ebda wlied.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin sa mill-ħamsa u għoxrin (25) ta' Awwissu, 2009.

Illi ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut.

Għaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti;

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieg bejn il-partijiet u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors, fosthom li jiġi avżat id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, bil-ħall taż-żwieġ.

By means of a decree given, on the 27th May 2015, by the Civil Court (Family Section) in the records of the Sworn Application, in the names Bonnici Clive vs Bellia Katia, application number 515/14 RGM, the following publication was ordered for the purpose of service of the defendant, in terms of Article 187(3) et seq. of Cap 12.

By means of a Sworn Application, filed, in the Civil Court (Family Section) in the names Clive Bonnici (ID 195081M) vs Katia Bellia (ID 336382M) on the 28th November 2014, the applicant Clive Bonnici (ID 195081M) respectfully pleaded and asked this Honourable Court;

That the parties were married on the thirteeth (30) th of April 2006 and from this marriage no children were born.

That the parties have been legally separated from each other since the twenty fifth (25) of August 2009.

That there is no reasonable prospect for reconciliation between the parties.

That no maintenance is due.

Thus the applicant respectfully asks this Honourable Court;

1. To pronounce the dissolution of the marriage between the parties and uphold the other demands in the application amongst which that the Director Public Registry, be informed with the dissolution of the marriage.

Rikorrent: Blue Waters, Apt 5, Etna Road, Mellieħa.

Notifika: Iktus, Sqaq Ċejlu, Naxxar.

Ir-Rikors Ġuramentat Numru fl-ismijiet Bonnici Clive vs Bellia Katia, rikors numru 515/14 RGM, jinsab differit għas-smiegħ ghall-11 ta' Novembru 2015, fid 9.00 a. m.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) illum 7 ta' Awwissu 2015.

AVV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Applicant: Blue Waters, Apt 5, Etna Road, Mellieħa.

Sservice: Iktus, Sqaq Ċejlu, Naxxar.

The Sworn Application in the names Bonnici Clive vs Bellia Katia, application number 515/14 RGM, has been deferred for hearing to the 11th November 2015, at 9.00 a. m.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 7th August 2015.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1310

Permezz ta' digriet mogħti fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-27 ta' Mejju 2015, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 277/15, fl-ismijiet Argus Insurance Agencies Limited vs Edwin Schembri, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex issevi ta' notifika tal-intimat Edwin Schembri, a tenur tal-artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Edwin Schembri ta' Ta' Pawlina, Triq tal-Ġebel, Birżebbuġa, fit-2 ta' Frar 2015, Argus Insurance Agencies Limited (C-597) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Argus Insurance Company (Europe) Limited ta' La Concorde, Abate Rigord Street, Ta' Xbiex tagħmel referenza għall-inċident awtomobilistiku illi seħħ fl-1 ta' Awwissu 2013 ġewwa Triq il-Bajja, Birżebbuġa, illi inti kont involut fih bil-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ITD 031, minnek assigurata mal-mittenti u tirrileva s-segwenti:

Inti nqast mill-obbligi tiegħek ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva u tal-Liġi illi tirregistra claim in konnessjoni mal-imsemmi inċident u illi tħallas l-excess payment konsegwentemnet dovut minnek;

Il-mittenti kienet informatek formalment, permezz ta' ittra mibgħuta lilek tramite posta registrata ai termini tal-Artikolu 15 tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, illi fin-nuqqas tar-registrazzjoni ta' claim da parti tiegħek, il-mittenti kienet sejra tħallas lil-terz involut;

Minkejja illi ġejt debitament notifikat bl-ittra mibgħuta lilek mill-mittenti, inti bqajt ma rregistrajt ebda oppozizzjoni għall-pagament lill-terzi entro t-terminu ta' għaxart (10) ijiem mid-data tan-notifika lilek bl-istess ittra skont il-Liġi;

Konsegwentement il-mittenti għandha d-dritt illi tħallas lil-terzi, cioè Elmo Insurance Limited u Jonathan Aquilina għad-danni kollha sofferti minnhom bħala riżultat tal-inċident de quo u wara tirkupra mingħandek l-ammonti kollha illi jkunu ġew minnha sborsati għan-nom tiegħek favur it-terzi

It is hereby notified that the Court of Maġistrates (Malta) by means of a decree given on the 27th May 2015, in the records of the judicial letter number 277/15, in the names Argus Insurance Agencies Limited vs Edwin Schembri, ordered the following publication for the purpose of effecting service on the defandant Edwin Schembri, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Maġistrates (Malta) against Edwin Schembri of Ta' Pawlina, Triq tal-Ġebel, Birżebbuġa, on the 2nd February 2015, Argus Insurance Agencies Limited (C-597) for and on behalf of the foreign company Argus Insurance Company (Europe) Limited of La Concorde, Abate Rigord Street, Ta' Xbiex makes reference to the car accident which occured on the 1st August 2013 in Triq il-Bajja, Birżebbuġa, in which you were involved with your vehicle Registrarion number ITD 031, insured by you with the interpellant and submits as follows:

You remained in default of your obligation in terms of the relative insurance policy and at Law to register a claim in connection with the said accident and to pay the excess payment consequently due by you;

The interpellant has formally informed you, by means of a registered letter sent to you in terms of Article 15 of Cap. 104 of the Laws of Malta, that in default of Registrarion of claim on your part, the interpellant was going to pay the third parties involved;

Although you were duly notified with the letter sent to you by the interpellant, you didn't register any opposition for the payment of third parties within the time limit of ten (10) days from the day of notification of the said letter according to Law;

Consequently the interpellant has the right to pay third parties, that is Elmo Insurance Limited and Jonathan Aquilina for all the damages suffered by them as a result of the accident de quo and after it will proceed to recover from you all those amounts it would have paid to third parties on your behalf

u dana oltre l-ispejjeż u l-interessi kkalkolati bl-ogħla rata peremssa mill-Liġi.

Madanakollu l-mittenti qiegħda għall-aħħar darba tikkonċiedilek terminu ta' tlett (3) ijiem sabiex tirreġistra claim in konnessjoni ma' dan il-każ u tħallas l-excess payment relattiv minnek dovut.

F'każ illi tinti tonqos milli tagħmel dan, il-mittenti sejra tħallas lit-terzi u wara jipproċedi fil-konfront tiegħek għall-irkupru tal-ammonti kollha minnha sborsati kif fuq premess, flimkien mal-ispejjeż u l-interessi skont il-Liġi, u dan mingħajr ebda pre-Avviż ulterjuri.

Tant sabiex tagħraf tirregola ruħek u sabiex jiġu evitati spejjeż u proceduri inutili.

Bl-ispejjeż u l-interessi legali.

Reġistru Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 7 ta' Awwissu 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

and this besides costs and interest calculated according to the highest rate at law.

Notwithstanding all the above, the interpellant is for the last time giving you three (3) days to register a claim in connection with the said case and to pay the relative excess payment due by you.

If you fail to do so, the interpellant will proceed to pay the third parties and subsequently it will proceed against you for the recovery of all the amounts it would have paid as stated above, together the costs and interests according to Law and this without further notice.

So much for your own guidance and to avoid costs and further procedures.

With costs and legal interest.

Registry of the Court of Maġistrates (Malta) today 7th August 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1311

Permezz ta' digriet mogħti fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-12 ta' Ġunju 2015, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 772/15, fl-ismijiet Argus Insurance Agencies Limited vs Kevin Micallef, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex issevi ta' notifika tal-intimat Kevin Micallef, a tenur tal-artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Kevin Micallef ta' 48, Winston, Triq il-Fliegu, San Pawl il-Baħar, fis-7 ta' April 2015, Argus Insurance Agencies Limited (C-597) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Argus Insurance Company (Europe) Limited) ta' La Concorde, Abate Rigord Street, Ta' Xbiex u dina kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Victor Galea, abbażi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Liġi u l-istess Victor Galea (KI 660637M), filwaqt illi jagħmlu referenza għall-inċident awtomobilisitiku li seħħ bejn is-7 u t-8 ta' Novembru 2014 ġewwa Triq il-Fliegu, San Pawl il-Baħar meta waqa' ħajt di proprjetà tiegħek fuq il-vettura proprjetà tal-mittenti Victor Galea bin-numru ta' registrazzjoni LCT 061, jinterpellawk sabiex fi żmien tlett (3) ijiem tersaq għall-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni kollha minnhom sofferti bħala rizultat tal-imsemmi inċident, liema inċident seħħ unikament bħala rizultat tan-nuqqas tiegħek illi tassigura illi l-ħajt in kwistjoni jinżamm fi stat ta' manutenzjoni tajba sabiex b'hekk ma jiġux ikkaġunati danni lil terzi.

It is hereby notified that the Court of Maġistrates (Malta) by means of a decree given on the 12th June 2015, in the records of the judicial letter number 772/15, in the names Argus Insurance Agencies Limited vs Kevin Micallef, ordered the following publication for the purpose of effecting service on the defandant Kevin Micallef, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Maġistrates (Malta) against Kevin Micallef of 48, Winston, Triq il-Fliegu, San Pawl il-Baħar, on the 7th April 2013, Argus Insurance Agencies Limited (C-597) for and on behalf of the foreign company Argus Insurance Company (Europe) Limited of La Concorde, Abate Rigord Street, Ta' Xbiex and this as subrogated in the rights of its insured Victor Galea, on the basis of a comprehensive type of policy and at Law, and the same Victor Galea (ID 660637M) whilst referring to the accident which occured between the 7th and 8th November 2014 in Triq il-Fliegu, San Pawl il-Baħar, when a wall in your property fell on the vehichle property of the interpellant Victor Galea with Registrarion number LCT 061, solicits you so that within three (3) days you come forward for the liquidation and payment of all the damages suffered as a result of the same accident, which accident occured as a result of your fault from ensuring that the wall in question will be in good maintenance such that no damages will be caused to third parties.

Il-mittenti jinformawkom illi f'każ illi t-terminu lilek mogħti jgħaddi inultilment, huma ma jkollhom ebda alternattiva oħra għajr li jipproċedu ulterjorment fil-konfront tiegħek bil-mezzi kollha li trid il-Liġi.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek u biex jiġu evitati spejjeż u proċeduri inutili.

Din l-ittra qiegħda ssir senjatament, iżda mhux limitatament, ai termini tal-Kap. 12 u Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż u interessi legali.

Reġistru Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 7 ta' Awwissu 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The interpellant informs you that in case the time given to you passes uselessly, they will have no alternative but to proceed further against you by all the means permitted at law.

So much for your own guidance and to avoid costs and further procedures.

This judicial letter is being made particularly, but not limitedly, in terms of Cap. 12 and 16 of the Laws of Malta.

With costs and legal interest.

Registry of the Court of Maġistrates (Malta), today 7th August 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1312

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Mejju 2015, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 118/15, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs Mark Borg Costanzi et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex issevi ta' notifika lill-intimata a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili lil Mark u Sharon miżżewgin Borg Costanzi (KI 451766M u KI 193767M) of 25, Triq Brittanja, Mosta, fil-15 ta' Jannar 2015, Bank of Valletta p.l.c. ta' 1/5 Misraħ San Ġorġ, Valletta VLT 1190, tinterpellakom sabiex fi żmien jumejn tħallsu s-somma ta' €12,851.45 bilanċ għad-debitu fil-Credit Card Loan Account tagħkom mal-Bank of Valletta plc flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri mit-30 ta' Ottubru 2014 sad-data tal-effettiv pagament.

Din l-interpellanza qed issir mingħajr preġudizzju għall-proċeduri oħra intavolati kontra Mark Borg Costanzi mis-soċjetà mittenti għal bilanċi oħra minnek dovuti.

Is-soċjetà mittenti tavżakom illi jekk tonqsu hija se tkun kostretta tipproċedi kontra tagħkom skont il-liġi.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta'Awwissu 2015

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 5th May 2015 in the First Hall of the Civil Courts in the records of the judicial letter number 118/15 in the names Bank of Valletta p.l.c. vs Mark Borg Costanzi et, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts against Mark and Sharon spouses Borg Costanzi (ID 451766M and (ID 193767M) of 25, Triq Brittanja, Mosta, on the 15th January 2015, Bank of Valletta p.l.c. of 1/5, Misraħ San Ġorġ, Valletta, VLT 1190, solicits you so that within two days you pay the sum of €12,851.45 balance of debt in your Credit Card Loan Account with Bank of Valletta p.l.c. together with further interests from the 30th October 2014 till the day of effective payment.

This judicial letter is being made without prejudice for other procedures made against Mark Borg Costanzi by the interpellant bank for any other balances due by you.

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

Registry of the Superior Courts today 7th August 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1313

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-23 ta' Marzu 2015, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 185/15, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services

By means of a decree of the 27th May 2015 handed down by the Court of Maġistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 185/2015 in the names Automated

Limited vs Jane Grima, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex issevi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 26 ta' Jannar 2015

Lil Jane Grima (KI 516965M) ta' Flat 1, St Anthony, Fuq San Pawl, Bormla.

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Limited (C46054) ('ARMS') ta' Gattard House, National Road, Blata l-Bajda, Malta f'isimha proprju u għannom tal-Korporazzjoni Enemalta u l-Korporazzjoni għas-Sevizzi tal-Ilma, qed jinnotifikawk għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed jinterpellawk sabiex tħallas s-somma ta' €9,506.84 liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees, flimkien mal-imgħax dovut skont il-Liġi fuq l-akkont 101000035163 għall-fond Flat 1, St Anthony, Fuq San Pawl, Bormla.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-Ammont dovut, inti inqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Di più ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u inti qatt ma kkontestajt l-Ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni da parti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-mittenti jgħaddu biex jeżegwixxu dan il-kreditu skont il-Liġi.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati Maġistrati (Malta), illum 7 ta' Awwissu 2015

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Revenue Management Services Limited vs Jane Grima, the following publication was ordered for the purpose of effecting service in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Maġistrates (Malta)

Today 26th January 2015

To Jane Grima (ID 516965M) of Flat 1, St Anthony, Fuq San Pawl, Bormla.

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) ('ARMS') of Gattard House, National Road, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta Corporation and Water Services Corporation, notifies you for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €9,506.84 which amount is sure, liquid and due and representing the balance from a greater amount representing pending bills for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative costs connection and disconnection fees, together with interest due on the Amount according to Law as per bill number 101000035163 on the premises Flat 1, St Anthony, Fuq San Pawl, Bormla.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the Amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs.

Registry of the Court of Maġistrates (Malta) today 7th August 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1314

Illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tad-29 ta' Mejju 2015, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Joseph Mifsud (KI 281863M) ta' 57, Sunrise, Triq il-Ballut, Mosta, ippreżenta Talba, fit-30 ta' April 2015, fejn talab lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Roderick Vella (KI

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 29th May 2015, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et seq of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12).

Joseph Mifsud (ID 281863M) of 57, Sunrise, Triq il-Ballut, Mosta, filed a Claim on the 30th April 2015 whereby he asked the Tribunal to condemn Roderick Vella (ID420585M)

420585M) ta' Casa Vella, Triq id-Dawr, Mosta, sabiex jħallas lill-attur is-somma ta' €920 liema ammont huwa dovut lill-attur.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Avviż Nru 339/15DMA) hija differita għas-16 ta' Settembru 2015 fin-12.05 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 7 ta' Awwissu 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Ghar-Registratur, Qrati Ċivili u Tribunali

of Casa Vella, Triq id-Dawr, Mosta, to pay the plaintiff the sum of €920 which amount is due to the plaintiff.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 339/15DMA) is deferred on the 16th September 2015 at 12.05 p.m.

Registry of the Courts of Maġistrates (Malta) today 7th August 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

1315

B'digriet mogħti, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-20 ta' Lulju 2015, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Grech Joseph sive Joseph Mary vs Grech Josef et, rikors numru 557/15 MCH, ġiet ordnata is-segwenti pubblikazzjoni biex issevi ta' notifika fil-konfront tal-konvenuti Grech Josef (ID 267081M) u Spiteri Doreen (ID 167979M), a tenur tal-Artikolu 187(3) et. seq. tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat, ippreżentat, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Grech Joseph sive Joseph Mary; (KI 0229660M) 285, Maria Bambina, Triq is-Sur, Fgura vs 1. Grech Josef, KI 267081M 18, Sqaq tal-Baġġi, Żejtun 2. Spiteri Doreen KI 167979(M), f'isimha propju u bħala Direttriċi għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà kummerċjali Dom Communications Limited, 42/44, Triq il-Ħarriġiet, Imqabba, fid-9 ta' Ġunju 2015, ir-rikorrenti Joseph sive Joseph Mary Grech, KI 0229660(M) talab lil intimati jew min minnhom jgħidu għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, tiddikjara u tordna;

i. Illi fl-ewwel lok għandu jiġi kkonfermat illi r-rikorrenti Attur Awtur, huwa il-proprejtarju tax-xogħol letterarju magħruf bl-isem 'Vari ta' Malta u Għawdex' li ġie ppubblikat f'Mejju tal-1998, sbatax-il sena ilu mid-data li qiegħda tiġi intavolata din il-kawża u li kien ġie pubblikat mis-soċjetà Kummerċjali maghrufa bħala Publishers Enterprises Group (PEG) Limited, illi għandu jiġi stabbilit li l-pubblikazzjoni l-oħra bl-isem ukoll ta' 'Vari ta' Malta u Għawdex' hija l-allegat xogħol tal-plaġjarista Josef Grech, ID 267081M, li ġiet ippublikata, fis-sena 2014, mis-soċjetà kummerċjali Dom Communications Limited, ... omissis.....illi l-Qorti tiddikjara kategorikament li l-allegat xogħol ta' Josef Grech, bl-isem 'Vari ta' Malta u Għawdex' tal-2014, huwa xogħol li plaġjarizza l-Proprjetà Intelletwali u x-xogħol letterarju tar-rikorrenti Awtur Attur;

ii. Illi il-Qorti għandha tillikwida d-danni kollha potenzjali flimkien mal-ispejjeż gudizzjarji u extra ġudizzjarji inkorsi mir-rikorrenti Attur Awtur, tordna lis-soċjetà Kummerċjali

By means of a decree given, by the First Hall Civil Court, on the 20th July 2015, in the records of the Sworn Application, in the names Grech Joseph sive Joseph Mary vs Grech Josef et, application number 557/15 MCH, the following publication was ordered for the purpose of service of the defendants Grech Josef (ID 267081M) u Spiteri Doreen (ID 167979M) in terms of Article 187(3) et seq. of Cap 12.

By means of a Sworn application, filed, in the First Hall Civil Court, in the names Grech Joseph sive Joseph Mary;(ID 0229660M) 285, Maria Bambina, Triq is-Sur, Fgura vs Grech Josef, ID 267081M), 18, Sqaq tal-Baġġi, Żejtun, 2. Spiteri Doreen ID 167979(M) in her own name and as Director in the name and in representation of the commercial partnership Dom Communications Limited, 42/44, Triq il-Ħarriġiet, Imqabba, on the 9th June 2015, the applicant Joseph sive Joseph Mary Grech, ID 0229660(M) asked the respondents or either of them to state why this Honourable Court should not declare and order;

i. That in the first place it should be confirmed that the applicant Plaintitff Author, is the owner of the literary work known with the name 'Vari ta' Malta u Għawdex' which was published in May of 1998, seventeen years ago, from the date when this cause is being filed, and which was published by the commercial partnership known as Publishers Enterprises Group (PEG) Limited, that it should be established that the other publication with the name also of 'Vari ta' Malta u Għawdex' is the alleged work of the plagiarist Josef Grech, ID 267081M, which was published, in the year 2014, by the commercial partnership Dom Communications Limited.... omissis... that the Court categorically declare that the alleged work of Josef Grech, with the name 'Vari ta' Malta u Għawdex' of 2014, is work which plagiarises the Intellectual Property and the literary work of the applicant Plaintiff Author;

ii. That the Court is to liquidate all the potential damages together with the judicial and extra judicial expenses incurred by the applicant Plaintiff Author, order the commercial

Dom Communications Limited u Josef Grech jirtiraw din il-pubblikazzjoni u tagħti dawk il-provvedimenti kollha opportuni li jidhrilha xierqa u ġusti a bażi tat-talbiet tar-rikorrenti.

Bl-ispejjeż, kontra l-intimati inġunti in subizzjoni.

Notifiki: 1. Grech Josef, ID 267081M, 18, Sqaq tal-Baġġi, Żejtun.
2. Spiteri Doreen, de proprio et nomine, ID 167979M, 42/44, Triq il-Ħarriġiet, Imqabba.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Grech Joseph sive Joseph Mary vs Grech Josef et, rikors numru 557/15 MCH, ġie appuntat għas-smiegħ għas-6 ta' Ottubru 2015, fid 9.00 a. m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 10 ta' Awwissu 2015.

AVV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

partnership Dom Communications Limited and Josef Grech to withdraw this publication and give all the opportune provisions it deems just and reasonable on the basis of the applicant's demands.

With costs, against the respondents summoned so that a reference to their evidence be made.

Services: 1. Grech Josef, ID 267081M, 18, Sqaq tal-Baġġi, Żejtun.
2. Spiteri Doreen, de proprio et nomine, ID 167979M, 42/44, Triq il-Ħarriġiet, Imqabba.

The Sworn Application in the names Grech Joseph sive Joseph Mary vs Grech Josef et, application number 557/15 MCH, was appointed for hearing on the 6th October 2015, at 9.00 a. m.

Registry of the Superior Courts, today 10th August 2015.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1316

IKUN jaf kullħadd illi b'digriet mogħti fl-10 ta' Lulju 2015 mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar (Għawdex), ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-avviż li jidher hawn taħt sabiex iservi ta' notifika għall-fini tal-artikolu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-konvenut Martin Peter Borg (passaport Ingliz 206181303) ta' 4, Ta Peppi, Triq l-Isqof M. F. Buttiġieg, Nadur, Għawdex.

Il-kumpanija attriċi Go pc (C22334) ippreżentat Avviż tat-Talba fit-Tribunal għal Talbiet Żgħar (Għawdex) – Talba numru 18/2015 (KM) fl-ismijiet "Go plc vs Martin Peter Borg" – fit-30 ta' Ġunju 2015 fejn talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut jħallasha is-somma ta' €846.91 liema ammont huwa dovut bi ħlas għal seviżżi. Bl-ispejjeż u l-imgħax.

Il-każ huwa differit ghall-25 ta' Settembru, 2015 fil-10.45 a. m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Illum 10 ta' Awwissu, 2015

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur

IT IS hereby notified that by virtue of a decree delivered on the 10th July 2015, the Small Claims Tribunal (Gozo) ordered the publication of the following notice for the purposes of service in terms of section 187(3) of Cap. 12 of the Laws of Malta in respect of defendant Martin Peter Borg (English passport 206181303) of 4, Ta' Peppi, Bishop M. F. Buttigieg Street, Nadur, Gozo.

The plaintiff company Go pc (C22334) filed a claim in the Small Claims Tribunal (Gozo) – Case Number 18/2015 (KM) in the names of "Go plc vs Martin Peter Borg" – on the 30th of June 2015, wherein it requested the Tribunal to condemn the defendant to pay it the amount of €846.91 with regard to services provided. With costs and interest.

The case is differed to the 25th of September 2015 at 10.45 a. m.

Registry of the Court of Maġistrates (Gozo)

This 10th August, 2015

DANIEL SACCO
f/Registrar

1317

IKUN jaf kullħadd illi b'digriet mogħti fl-10 ta' Lulju 2015 mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar (Għawdex), ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-avviż li jidher hawn taħt sabiex iservi ta' notifika għall-fini tal-artikolu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-konvenut Brian Martin Pell (passaport

IT IS hereby notified that by virtue of a decree delivered on the 10th July 2015, the Small Claims Tribunal (Gozo) ordered the publication of the following notice for the purposes of service in terms of section 187(3) of Cap. 12 of the Laws of Malta in respect of defendant Brian Martin Pell (English

Ingliż 464680709) ta' 3, Żebbuġa, Triq Għajn Mhelhel, Żebbuġ, Għawdex.

Il-kumpanija attriċi Go pc (C22334) ippreżentat Avviż tat-Talba fit-Tribunal għal Talbiet Żgħar (Għawdex) – Talba numru 25/2015 (KM) fl-ismijiet "Go plc vs Brian Martin Pell" – fit-30 ta' Ġunju 2015 fejn talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut jħallasha is-somma ta' €830.10, liema ammont huwa dovut bi ħlas għal seviżżi. Bl-ispejjeż u l-imgħax.

Il-każ huwa differit għall-25 ta' Settembru, 2015 fil-10.45 a. m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Illum 10 ta' Awwissu, 2015

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur

passport 464680709) of 3, Żebbuġa, Għajn Mhelhel Street, Żebbuġ, Gozo.

The plaintiff company Go pc (C22334) filed a claim in the Small Claims Tribunal (Gozo) – Case Number 25/2015 (KM) in the names of "Go plc vs Brian Martin Pell" – on the 30th of June 2015, wherein it requested the Tribunal to condemn the defendant to pay it the amount of €830.10 with regard to services provided. With costs and interest.

The case is differed to the 25th of September 2015 at 10.45 a. m.

Registry of the Court of Maġistrates (Gozo)

This 10th August, 2015

DANIEL SACCO
f/Registrar

1318

IKUN jaf kullħadd illi b'digriet mogħti fl-10 ta' Lulju 2015 mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar (Għawdex), ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-avviż li jidher hawn taħt sabiex iservi ta' notifika għall-fini tal-artikolu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-konvenut Jens Patric Mattias Wisterand (passaport SE81873490) ta' Tal-Puxa, Triq Rakela Camilleri, Nadur, Għawdex.

Il-kumpanija attriċi Go pc (C22334) ippreżentat Avviż tat-Talba fit-Tribunal għal Talbiet Żgħar (Għawdex) – Talba numru 23/2015 (KM) fl-ismijiet "Go plc vs Jens Patric Mattias Wisterand" – fit-30 ta' Ġunju 2015 fejn talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut jħallasha is-somma ta' €677.40, liema ammont huwa dovut bi ħlas għal sevizzi. Bl-ispejjeż u l-imgħax.

Il-każ huwa differit għall-25 ta' Settembru, 2015 fil-10:45 a. m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Illum 10 ta' Awwissu, 2015

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur

IT IS hereby notified that by virtue of a decree delivered on the 10th July 2015, the Small Claims Tribunal (Gozo) ordered the publication of the following notice for the purposes of service in terms of section 187(3) of Cap. 12 of the Laws of Malta in respect of defendant Jens Patric Mattias Wisterand (passport SE81873490) of Tal-Puxa, Rakela Camilleri Street, Nadur, Gozo.

The plaintiff company Go pc (C22334) filed a claim in the Small Claims Tribunal (Gozo) – Case Number 23/2015 (KM) in the names of "Go plc vs Jens Patric Mattias Wisterand" – on the 30th of June 2015, wherein it requested the Tribunal to condemn the defendant to pay it the amount of €677.40 with regard to services provided. With costs and interest.

The case is differed to the 25th of September 2015 at 10:45 a. m.

Registry of the Court of Maġistrates (Gozo)

This 10th August, 2015

DANIEL SACCO
f/Registrar

1319

B'digriet mogħti, fid-29 ta' Lulju 2015, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) fir-rikors numru 246/14 pprezentat fit-13 ta' Marzu 2014 minn Alfred Debono, talab lil din l-Onorabbli Qorti, li jiġi nominat kuratur tal-assenti Deborah Debono, mart l-istess Alfred Debono, bint William Norman Robert Scott Smith u Lynda née Flynn, imwielda Islington, ir-Renju Unit sabiex jamministra l-beni tagħha u sabiex jieħu dawk il-provvedimenti kollha meħtiega sabiex

By deree given on the 29th July 2015, by the Civil Court (Volontary Jurisdiction Section) in the application number 246/14 filed on the 13th March 2014 by Alfred Debono wheras he prayed this Honorable Court, that a curator will be nominated for the absent Deborah Debono, wife of the same Alfred Debono, daughter of William Norman Robert Scott Smith and Lynda née Flynn, born in Islington, United Kingdom, to administer her assets and to take all the necessary orders to

tiġi mħarsa l-proprjetà tagħha, din il-Qorti ordnat il-ħruġ ta' dan l-Avviż, a tenur tal-Artikolu 194 et seq tal-Kap. 16.

Kull min għandu aħbarijiet tal-imsemmija Deborah Debono, huwa mitlub li jagħtihom lir-Reġistratur tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) sabiex din il-Qorti tkun taf bihom fi żmien xahar li jibda jgħodd minn dik il-ġurnata li joħroġ dan l-editt, fil-Gazzetta tal-Gvern.

B'ordni tal-Qorti fuq imsemmija.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja)

Illum 7 ta' Awwissu 2015

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

safeguard all her property, this Court ordered the issuing of this Notice, in terms of Article 194 et seq, of Cap. 16.

Whosoever has any news of the existence of the said Deborah Debono, is required to communicate it to the Registrar Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) for the information of the said Court, within one month from the day of the publication of this Edict in the Government Gazette.

By, order of the Court above mentioned.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today 7th August 2015

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Court and Tribunals

1320

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-31 ta' Lulju, 2015 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Maġistrat Dr Antonio Giovanni Vella LLD) Kumpilazzjoni numru 577/2015 fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Busuttil)

Kontra:

MOHAMED EL HERZI, 55 sena, self-employed, iben il-mejjet Agachi, imwieled Tunis fis-6 ta' Novembru, 1959, residenti f'San Ġorġ Hotel, San Ġiljan Malta u detentur ta' passaport Tuneżin bin-numru F554845.

ORDNAT is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-propjetà mobbli kollha li huma dovuti lil jew imissu lil MOHAMED EL HERZI, jew li huma propjetà tiegħu u pprojbietu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli, ai termini tal Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kaptilu 373 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 23A tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

AWTORIZZAT lill-imsemmi akkużat jibqa' jirċievi l-ammont li ma jeċċedix it-tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebgħin Ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24ċ) fis-sena.

Illum, 10 ta' Awwissu, 2015

Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta)

MARVIC PSAILA
Deputat Reġistratur
Qrati u Tribunali Kriminali (Malta)

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 31st July, 2015 given by the Court of Maġistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry – (Maġistrate Dr Antonio Giovanni Vella LL.D) Compilation Number 577/2015 in the case:

The Police
(Inspector Joseph Busuttil)

Versus:

MOHAMED EL HERZI, 55 years, self-employed, son of the late Agachi, born in Tunis on the 6th November, 1959, residing at San Ġorġ Hotel, St. Julian's, Malta and holder of Tunisian passport bearing number F554845.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all monies and other movable property due to or pertaining or belonging to MOHAMED EL HERZI and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property and this according to Article 5 of Cap. 373 of the Money Laundering Act of the Laws of Malta, in accordance with Article 23A of Cap. 9 of the Laws of Malta.

AUTHORIZED the said accused to continue to receive the amount that does not exceed the sum of thirteen thousand, nine hundred and seventy-six Euros and twenty-four cents (€13,976.24c) per year.

Today, 10th August, 2015

Registry of the Courts of Criminal Judicature (Malta)

MARVIC PSAILA
Deputy Registrar
Criminal Courts and Criminal Tribunals (Malta)

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*